REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1103

tas-6 ta' Ġunju 2023

li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u l-miżuri fis-seħħ

(1) Wara investigazzjoni antisussidji, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1628/2004 ([2]), il-Kunsill impona dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja. Il-Kunsill, wara investigazzjoni anti-dumping, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1629/2004 ([3]), impona wkoll dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja ("l-investigazzjoni oriġinali")

(2) Wara rieżami interim parzjali *ex officio* tal-miżuri kompensatorji, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1354/2008 ([4]) il-Kunsill emenda r-Regolamenti (KE) Nru 1628/2004 u (KE) Nru 1629/2004.

(3) Wara rieżami tal-iskadenza tal-miżuri kompensatorji, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1185/2010 ([5]) il-Kunsill estenda l-miżuri kompensatorji.

(4) Wara rieżami ta' skadenza tal-miżuri kumpensatorji, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/421 ([6]) estendiet il-miżuri kumpensatorji.

(5) Il-miżuri kumpensatorji ħadu l-forma ta' rata ta' dazju *ad valorem* ta' 6,3 % u 7,0 % għall-importazzjonijiet minn esportaturi msemmija individwalment, u rata ta' dazju ta' 7,2 % fuq l-importazzjonijiet mill-kumpaniji l-oħrajn kollha fl-Indja.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1628/2004 tat-13 ta' Settembru 2004 li jimponi taxxa kompensatorja definittiva u li jiġbor definittivament it-taxxa provviżorja imposta fuq l-importazzjoni ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw fl-Indja (ĠU L 295, 18.9.2004, p. 4).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1629/2004 tat-13 ta' Settembru 2004 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw fl-Indja (ĠU L 295, 18.9.2004, p. 10).

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1354/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1628/2004 li jimponi dazju definittiv ta' kumpens fuq importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw fl-Indja u r-Regolament (KE) Nru 1629/2004 li jimponi dazju definittiv anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw fl-Indja (ĠU L 350, 30.12.2008, p. 24).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1185/2010 tat-13 ta' Diċembru 2010 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 597/2009 (ĠU L 332, 16.12.2010, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/421 tad-9 ta' Marzu 2017 li jimponi dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 64, 10.3.2017, p. 10).

1.2. **Talba għal rieżami ta' skadenza**

(6) Wara l-pubblikazzjoni ta' Notifika ta' skadenza imminenti ([7]), il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(7) It-talba għal rieżami ġiet ippreżentata fid-9 ta' Diċembru 2021 mill-produtturi tal-Unjoni, li jirrappreżentaw madwar 90 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita ("l-applikanti"). It-talba għal rieżami kienet ibbażata fuq il-bażi li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni ta' sussidjar u/jew għal rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni. Xi whud mill-allegati prattiki ta' sussidjar diġà kienu ġew ikkumpensati fl-investigazzjoni oriġinali filwaqt li oħrajn huma addizzjonali jew huma sussidji ġodda, li ma kinux ġew eżaminati fl-investigazzjoni oriġinali. Fid-dawl tal-Artikolu 18(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ħejjiet memorandum dwar is-suffiċjenza tal-evidenza li fih il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-evidenza kollha għad-dispożizzjoni tagħha dwar il-pajjiż ikkonċernat u li abbaži tagħha l-Kummissjoni bdiet din l-investigazzjoni. Dan il-memorandum jista' jinstab fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati.

(8) F'konformità mal-Artikolu 10(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Gvern tal-Indja ("GTI") qabel il-bidu tal-proċediment li kienet irċeviet talba għal rieżami dokumentat kif xieraq. Il-Kummissjoni stiednet lill-Indja għal konsultazzjonijiet bl-għan li s-sitwazzjoni rigward il-kontenut tat-talba għal rieżami tiġi ċċarata u biex jaslu għal soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku. Il-GTI aċċetta l-offerta tal-konsultazzjonijiet li saru sussegwentement fit-3 ta' Marzu 2022. Matul il-konsultazzjonijiet, ma setgħetx tinstab soluzzjoni miftiehma b'mod reċiproku.

1.3. **Bidu ta' rieżami ta' skadenza**

(9) Hekk kif ġie ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 25(1) tar-Regolament bażiku, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni, fid-9 ta' Marzu 2022, permezz ta' Notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([8]) ("in-Notifika ta' Bidu"), bdiet rieżami ta' skadenza rigward l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja (l-"Indja" jew "il-pajjiż ikkonċernat") fuq il-bażi tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

1.4. **Investigazzjoni separata dwar il-miżuri anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami**

(10) Il-Kummissjoni, permezz ta' notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fid-9 ta' Marzu 2022 ([9]), ħabbret ukoll il-bidu ta' rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]), tal-miżuri anti-dumping definittivi fis-seħħ fir-rigward tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja

1.5. **Perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami u perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(11) L-investigazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' sussidjar kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021 (il-"perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami" jew il-"PIR"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

([7]) ĠU C 222, 11.6.2021, p. 24.

([8]) In-Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antisussidji applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja (ĠU C 113, 9.3.2022, p. 13).

([9]) In-Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja (ĠU C 113, 9.3.2022, p. 3).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21).

1.6. **Partijiet interessati**

(12) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament informat lill-applikanti, lil produtturi tal-Unjoni magħrufa oħrajn, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet Indjani, lill-importaturi, fornituri u utenti magħrufa, lin-negozjanti, kif ukoll lil assoċjazzjonijiet li kienu magħrufa li kienu kkonċernati, dwar il-bidu tal-investigazzjoni, u stednithom jieħdu sehem.

(13) Il-partijiet interessati kellhom opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

1.7. **Kampjunar**

(14) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.7.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(15) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li hija kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-volumi tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni. Dan il-kampjun kien magħmul minn tliet produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw madwar 61 % tal-produzzjoni totali stmata tal-Unjoni u 64 % tal-volum tal-bejgħ stmat tal-prodott simili fl-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment. Il-kampjun b'hekk tqies li kien rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

1.7.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(16) Sabiex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu.

(17) L-ebda importatur ma ppreżenta ruħu u pprovda l-informazzjoni mitluba.

1.8. **It-tweġibiet għall-kwestjonarju u kontroverifiki mill-bogħod**

(18) Fil-bidu, il-kwestjonarji kienu għad-dispożizzjoni fil-fajl sabiex jiġu spezzjonati mill-partijiet interessati u fis-sit web tad-DĠ Trade ([11]).

(19) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, il-Gvern tar-Repubblika tal-Indja ("GTI") u produttur esportatur Indjan wieħed. L-ebda wieħed mill-utenti ma pprovda kwestjonarju jew ippreżenta ruħu matul l-investigazzjoni.

(20) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li hija qieset meħtieġa għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' sussidjar u tad-dannu li jirriżulta u għad-determinazzjoni tal-imgħax tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 26 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-GTI u tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) *Produtturi mill-Unjoni*

— GrafTech Iberica S.L., Navarra, Spanja

— Showa Denko Carbon Spain S.A., A Coruna, Spanja

— Tokai Erftcarbon GmbH, Grevenbroich, il-Ġermanja

(b) *Produttur esportatur fl-Indja*

— HEG Limited, Bhopal ("HEG")

([11]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2586.

2. PRODOTT TAĦT RIEŻAMI U PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott taħt rieżami

(21) Il-prodott taħt rieżami huwa elettrodi tal-grafita ta' tip użat għal fran tal-elettriku, b'densità apparenti ta' 1,65 g/cm3 jew aktar u b'reżistenza elettrika ta' 6,0 μ.Ω.m jew anqas, u konnetturi użati għal dawn l-elettrodi, kemm jekk importati flimkien kif ukoll jekk b'mod separat ("il-prodott taħt rieżami"), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM ex 8545 11 00 u ex 8545 90 90 (kodiċi TARIC 8545 11 00 10 u 8545 90 90 10). "il-prodott taħt rieżami" jew "GES").

2.2. Prodott simili

(22) Kif ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, kif ukoll fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li dawn il-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott taħt rieżami;

— il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat; u

— l-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(23) Il-Kummissjoni ddeċidiet li dawk il-prodotti huma, għalhekk, prodotti simili skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI JEW TA' RIKORRENZA TA' SUSSIDJAR

(24) F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, u kif iddikjarat fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti għandhiex il-probabbiltà li twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza tas-sussidjar.

3.1. Is-sussidji u l-programmi ta' sussidju fi ħdan l-ambitu tal-investigazzjoni

(25) Abbażi tal-informazzjoni li tinsab fit-talba għal rieżami, kif ukoll l-informazzjoni sottomessa mill-GTI u mill-produttur esportatur li kkoopera, ġew investigati l-iskemi li ġejjin, li allegatament jinvolvu l-għoti ta' sussidji:

Skemi oriġinarjament investigati u kkonfermati matul l-aħħar rieżami ta' skadenza

(a) Skema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem (Advance Authorisation Scheme, "AAS");

(b) Skema ta' Esportazzjoni tal-Merkanzija mill-Indja (Merchandise Export from India Scheme, "MEIS");

(c) Skema ta' Promozzjoni tal-Esportazzjoni ta' Oġġetti Kapitali (Export Promotion Capital Goods Scheme, "EPCGS");

(d) Skema ta' Rifużjoni tad-Dazju (Duty Drawback Scheme, "DDS")

(e) Skemi Reġjonali: Eżenzjoni mid-dazju fuq l-elettriku u assistenza fiskali;

Skemi addizzjonali

(f) Remissjoni tad-Dazji u t-Taxxi fuq il-Prodotti Esportati (Remission of Duties and Taxes on Exported Products, "RODTEP");

(g) Finanzjament tal-esportazzjoni ta' qabel it-tagħbija u ta' wara t-tagħbija, skema ta' ekwalizzazzjoni tal-imgħax (Pre-shipment and Post-shipment Export Financing, Interest Equalization scheme, "IES"),

(h) Skema ta' Awtorizzazzjoni tal-Importazzjoni Mingħajr Dazju (Duty Free Import Authorisation Scheme, "DFIA");

(i) Skemi reġjonali: ribassi u rati mnaqqsa tal-elettriku;

(j) Skema tal-Karta tad-Deheb, Skema tad-Detentur tal-Istatus;

(k) Inizjattiva għall-Aċċess għas-Suq (Market Access Initiative, "MAI").

3.2. **L-iskemi oriġinarjament investigati u kkonfermati fl-aħħar rieżami ta' skadenza**

3.2.1. *Eżenzjoni mid-dazju u skemi ta' remissjoni*

(26) L-iskemi AAS, EPCGS u MEIS huma bbażati fuq il-Foreign Trade (Development and Regulation) Act 1992 (Nru 22 tal-1992) li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 1992 ("l-Att dwar il-Kummerċ Barrani"). L-Att dwar il-Kummerċ Barrani jawtorizza lill-GTI joħroġ notifiki dwar il-politika tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni. Dawn huma miġburin fil-qosor fid-dokumenti tal-"Politika tal-Kummerċ Barrani", li normalment jinħarġu mill-Ministeru għall-Kummerċ kull ħames snin u jiġu aġġornati b'mod regolari.

(27) Id-dokument tal-Politika tal-Kummerċ Barrani rilevanti għall-PIR huwa l-Politika dwar il-Kummerċ Barrani 2015–2020 ("FTP 2015–2020"). L-FTP 2015–2020 daħlet fis-seħħ f'April 2015 u oriġinarjament kienet se tiskadi fil-31 ta' Marzu 2020. Madankollu, minħabba l-pandemija COVID-19 l-FTP 2015–2020 ġiet estiża diversi drabi, l-aħħar estensjoni kienet sal-31 ta' Marzu 2023. Il-GTI jistabbilixxi wkoll il-proċeduri li jirregolaw l-FTP 2015–2020 f'"Handbook of Procedures, 2015–2020" ("HOP 2015–2020").

3.2.2. *Skema ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem (Advanced Authorisation Scheme, "AAS")*

(28) Il-Kummissjoni stabbiliet li HEG użat l-AAS matul il-PIR.

3.2.2.1. Bażi ġuridika

(29) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-iskema tinsab fil-paragrafi 4.03 sa 4.24 tal-FTP 2015–2020 u fil-kapitoli 4.04 sa 4.52 tal-HOP 2015–2020 u tal-HOP 2015–2020 aġġornata.

3.2.2.2. Eliġibbiltà

(30) L-AAS tikkonsisti f'sitt sottoskemi, jiġifieri l-esportazzjonijiet fiżiċi, ir-rekwiżit annwali, il-provvisti intermedji, l-esportazzjonijiet meqjusa, l-ordni għar-rilaxx bil-quddiem, jew ittra ta' kreditu interna wara l-oħra. Dawn is-sottoskemi jvarjaw, *inter alia*, fl-ambitu tal-eliġibilità. Il-manifatturi-esportaturi u n-negozjanti-esportaturi "marbuta ma'" manifatturi ta' sostenn huma eliġibbli għall-esportazzjonijiet fiżiċi tal-AAS u għas-sottoskemi ta' rekwiżiti annwali tal-AAS. Il-manifatturi-esportaturi li jfornu lill-esportatur finali huma eliġibbli għall-AAS għall-provvisti intermedji. Kuntratturi ewlenin li jfornu lill-kategoriji ta' "esportazzjoni meqjusa" msemmija fil-paragrafu 7.02 tal-FTP 2015–2020, bħal fornituri ta' Unità Orjentata lejn l-Esportazzjoni ("EOU"), huma eliġibbli għas-sottoskema tal-esportazzjoni meqjusa tal-AAS. Eventwalment, fornituri intermedji għall-manifatturi-esportaturi huma eliġibbi għal benefiċċji ta' "esportazzjoni meqjusa" skont is-sottoskemi tal-Ordni għar-Rilaxx bil-Quddiem u tal-Ittra ta' kreditu interna wara l-oħra.

3.2.2.3. Implimentazzjoni prattika

(31) L-AAS tista' tinħareġ għal:

(a) Esportazzjonijiet fiżiċi: Din hija s-sottoskema ewlenija. Din tippermetti l-importazzjoni bla dazju ta' materjali ta' input għall-produzzjoni li tirriżulta fi prodott speċifiku għall-esportazzjoni. "Fiżiku" f'dan il-kuntest tfisser li l-prodott għall-esportazzjoni jrid iħalli t-territorju Indjan. Fil-liċenzja jkunu speċifikati l-permess għall-importazzjoni u l-obbligu għall-esportazzjoni, inkluż it-tip ta' prodott għall-esportazzjoni;

(b) Rekwiżit annwali: Din l-awtorizzazzjoni ma hijiex marbuta ma' prodott speċifiku għall-esportazzjoni, iżda ma' grupp ta' prodotti usa' (pereżempju, prodotti kimiċi u dawk relatati). Id-detentur tal-liċenzja jista' — sa ċertu limitu tal-valur stabbilit mill-prestazzjoni tal-esportazzjoni preċedenti tiegħu — jimporta mingħajr dazju kwalunkwe input li jkun se jintuża fil-manifattura ta' kwalunkwe wieħed mill-oġġetti li jaqgħu taħt dan il-grupp ta' prodotti. Dan jista' jagħżel li jesporta kwalunkwe prodott li jirriżulta li jaqa' taħt il-grupp ta' prodotti billi juża tali materjal eżentat mid-dazju;

(c) Provvisti intermedji: Din is-sottoskema tkopri l-każijiet meta żewġ manifatturi jkunu beħsiebhom jipproduċu prodott wieħed għall-esportazzjoni u jaqsmu l-proċess tal-produzzjoni. Il-manifattur-esportatur li jipproduċi l-prodott intermedju jista' jimporta materjali ta' input mingħajr dazju u jista' jikseb għal dan l-għan AAS għal provvisti intermedji. L-esportatur aħħari jiffinalizza l-produzzjoni u huwa obbligat li jesporta l-prodott lest;

(d) Esportazzjonijiet meqjusa: Din is-sottoskema tippermetti lil kuntrattur prinċipali jimporta, bla ħlas ta' dazju, inputs meħtieġa fil-produzzjoni ta' prodotti li se jinbiegħu bħala "esportazzjonijiet meqjusa" lill-kategoriji ta' klijenti msemmija fil-paragrafu 8.2(b) sa (f), (g), (i) u (j) tal-FTP 15-20. Skont il-GTI, l-esportazzonijiet meqjusa jirreferu għal dawk it-tranżazzjonijiet li fihom l-oġġetti fornuti ma jħallux il-pajjiż. Għadd ta' kategoriji ta' forniment huma kkunsidrati bħala esportazzjonijiet meqjusa sakemm l-oġġetti jkunu manifatturati fl-Indja, eż. il-forniment ta' prodotti lil unità orjentata lejn l-esportazzjoni (export-oriented unit, "EOU") jew lil kumpanija li tinsab f'żona ekonomika speċjali (special economic zone, "SEZ");

(e) Ordni għar-Rilaxx bil-Quddiem (Advance Release Order, "ARO"): Id-detentur tal-AAS li jkun beħsiebu jġib l-inputs minn sorsi indiġeni, minflok b'importazzjoni diretta, għandu l-għażla li jġibhom permezz ta' AROs. F'tali każijiet, l-Awtorizzazzjonijiet bil-Quddiem jiġu vvalidati bħala AROs u jiġu approvati lill-fornitur indiġenu mal-wasla tal-oġġetti speċifikati fihom. L-approvazzjoni tal-ARO tintitola lill-fornitur domestiku għall-benefiċċji ta' esportazzjonijiet meqjusa kif stabbilit fil-paragrafu 8.3 tal-FTP 15-20 (jiġifieri AAS għal provvisti intermedji/esportazzjoni meqjusa, restituzzjoni ta' dazju mħallas fuq esportazzjonijiet meqjusin u rifużjoni tad-dazju tas-sisa terminali). Il-mekkaniżmu ARO jirrifondi t-taxxi u d-dazji lill-fornitur minflok ma jirrifondihom lill-esportatur finali fil-forma ta' restituzzjoni/rifużjoni tad-dazji. Ir-rifużjoni tat-taxxi/dazji hija disponibbli kemm għall-inputs indiġeni kif ukoll għall-inputs importati;

(f) Ittra ta' kreditu interna wara l-oħra: Din is-subskema tkopri għal darb'oħra l-provvisti indiġeni lil detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem. Id-detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem jista' javviċina bank biex jiftaħ ittra ta' kreditu interna favur fornitur indiġenu. L-awtorizzazzjoni tiġi vvalidata mill-bank għall-importazzjoni diretta, b'konnessjoni biss mal-valur u mal-volum tal-oġġetti miġjuba minn sorsi indiġeni minflok ma jkunu importati. Il-fornitur domestiku jkun intitolat għall-benefiċċji tal-esportazzjoni meqjusa kif stabbilit fil-paragrafu 8.3 tal-FTP 15-20 (jiġifieri AAS għal provvisti intermedji/esportazzjoni meqjusa, restituzzjoni tad-dazju mħallas fuq esportazzjonijiet meqjusa u rifużjoni tad-dazju tas-sisa terminali).

(32) Matul il-PIR irriżulta li HEG kisbet konċessjonijiet taħt l-ewwel sottoskema, jiġifieri l-esportazzjonijiet fiżiċi tal-AAS. Għalhekk, ma huwiex meħtieġ li tiġi stabbilita l-kumpensabilità tas-sottoskemi li jifdal li ma ntużawx. Din hija s-sottoskema ewlenija. Din tippermetti l-importazzjoni bla dazju ta' materjali ta' input għall-produzzjoni li tirriżulta fi prodott speċifiku għall-esportazzjoni. "Fiżiku" f'dan il-kuntest tfisser li l-prodott għall-esportazzjoni jrid iħalli t-territorju Indjan. Fil-liċenzja jkunu speċifikati l-permess għall-importazzjoni u l-obbligu għall-esportazzjoni, inkluż it-tip ta' prodott għall-esportazzjoni.

(33) Għal skopijiet ta' verifika mill-awtoritajiet Indjani, detentur ta' Awtorizzazzjoni bil-Quddiem huwa legalment obbligat iżomm "kont veru u propju tal-konsum u tal-utilizzazzjoni ta' oġġetti importati mingħajr dazju/akkwistati domestikament" f'format speċifikat (il-kapitolu 4.51 u l-Appendiċi 4H jew 4I HOP I 15-2020 ([12])), jiġifieri reġistru tal-konsum attwali. Dan ir-reġistru jrid jiġi verifikat minn kontabilist estern awtorizzat/kontabilist tal-kostijiet u x-xogħlijiet li joħroġ ċertifikat li jiddikjara li r-reġistri stabbiliti u r-rekords rilevanti ġew eżaminati u li l-informazzjoni fornita skont l-Appendiċi 4H hija vera u korretta f'kull aspett.

(34) Fir-rigward tas-sottoskema użata matul il-PIR mill-kumpanija kkonċernata, jiġifieri l-esportazzjonijiet fiżiċi, il-konċessjoni għall-importazzjoni u l-obbligu għall-esportazzjoni huma ffissati fil-volum u fil-valur mill-GTI u huma ddokumentati fuq l-Awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, fil-mument tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni, it-tranżazzjonijiet korrispondenti għandhom jiġu ddokumentati mill-uffiċjali tal-Gvern fuq l-Awtorizzazzjoni. Il-volum tal-importazzjonijiet permessi skont l-AAS huwa ddeterminat mill-GTI fuq il-bażi ta' Regoli Standard ta' Input Output ("SIONs") li jeżistu għall-biċċa l-kbira tal-prodotti inkluż il-prodott taħt rieżami.

(35) Il-materjali importati ta' input ma humiex trasferibbli u għandhom jintużaw sabiex jipproduċu l-prodott għall-esportazzjoni li jirriżulta. L-obbligu għall-esportazzjoni jrid jiġi ssodisfat fil-limitu ta' żmien stipulat wara l-ħruġ tal-liċenzja (18-il xahar b'żewġ estensjonijiet possibbli ta' 6 xhur kull wieħed).

(36) L-SION applikabbli għall-prodott taħt rieżami ġiet stabbilita mill-GTI fl-1998 u ma ġietx riveduta jew aġġustata sal-PIR. Għalhekk, l-SION ma hijiex biżżejjed biex timmonitorja b'mod effettiv il-konsum attwali. Il-GTI lanqas ma għamel eżami ulterjuri bbażat fuq l-input attwali. Għall-materja prima ewlenija, il-Kokk aċikulari (Needle coke) (imsejjaħ ukoll "kokk petroliferu kalċinat" jew "CPC"), il-Kummissjoni sabet diskrepanza importanti bejn l-SION u l-konsum attwali tal-materja prima tal-kumpanija. L-SION tippermetti proporzjon ta' 1,3 ta' Kokk aċikulari għal kull tunnellata esportata, filwaqt li l-proporzjon attwali meħtieġ għall-produzzjoni huwa sostanzjalment aktar baxx.

([12]) Il-Manwal tal-Proċeduri (Handbook of Procedures) (1 ta' April 2015 — 31 ta' Marzu 2020) Aġġornat sal-4.8.2015: https://www.mofpi.gov.in/sites/default/files/updated_hbp_2015–202020.pdf

(37) Għalhekk, l-investigazzjoni stabbiliet li r-rekwiżiti ta' verifika stipulati mill-awtoritajiet Indjani ma kinux biżżejjed biex jipprevjenu benefiċċju.

(38) Il-produttur esportatur li kkoopera żamm ċertu reġistru ta' produzzjoni u ta' konsum. Madankollu, ma kienx possibbli li jiġu vverifikati liema inputs (inkluż l-oriġini tagħhom) ġew ikkonsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat u f'liema ammonti. B'mod partikolari bis-sistema stabbilita ma kienx possibbli li jiġi identifikat u mkejjel bi preċiżjoni jekk kienx hemm remissjoni żejda minħabba li l-materja prima tinħażen f'sajlos, liema sajlos ikun fihom il-kokk aċikulari importat mingħajr dazju flimkien mal-kokk aċikulari importat bid-dazji, mingħajr separazzjoni lokali. Malli l-kokk aċikulari importat jinħażen, l-imposta speċifika tal-importazzjonijiet ma tibqax traċċabbli.

(39) HEG ikkonfermat li r-reġistru tal-konsum tagħha ma jippermettix li jiġi stabbilit il-konsum attwali tal-materja prima importata mingħajr dazju u li dan il-konsum jintrabat mal-prodotti finali manifatturati u esportati. B'riżultat ta' dan, is-sottoskema użata fil-każ preżenti ma tistax titqies bħala sistema ta' rifużjoni tad-dazju permissibbli.

3.2.2.4. Konklużjoni dwar l-AAS

(40) L-eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni hija sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri din tikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja tal-GTI peress li tnaqqas id-dħul mid-dazju li kieku kien ikun dovut u tagħti benefiċċju lill-esportatur investigat peress li ttejjeb il-likwidità tiegħu.

(41) Barra minn hekk, l-esportazzjonijiet fiżiċi tal-AAS huma kontinġenti, fil-liġi, fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u għalhekk meqjusa bħala speċifiċi u kumpensabbli skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament bażiku. Mingħajr impenn ta' esportazzjoni, kumpanija ma tistax tikseb benefiċċji taħt din l-iskema.

(42) Is-sottoskema li ntużat f'dan il-każ ma tistax titqies bħala sistema ta' restituzzjoni tad-dazju jew sistema ta' restituzzjoni b'sostituzzjoni permissibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Din ma tikkonformax mar-regoli stabbiliti fl-entrata (i) tal-Anness I, fl-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u fl-Anness III (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni b'sostituzzjoni) tar-Regolament bażiku. Il-GTI ma applikax sistema jew proċedura ta' verifika b'mod effettiv sabiex jikkonferma jekk l-inputs ġewx ikkonsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat u f'liema ammonti (l-Anness II(4) tar-Regolament bażiku u, fil-każ ta' skemi ta' restituzzjoni b'sostituzzjoni, l-Anness III(II)(2) tar-Regolament bażiku). Huwa meqjus ukoll li l-SIONs għall-prodott taħt rieżami ma kinux preċiżi biżżejjed u li fihom infushom, dawk l-SIONs ma jistgħux jikkostitwixxu sistema ta' verifika ta' konsum attwali peress li t-tfassil ta' dawk in-normi standard ma jippermettix li l-GTI jivverifika bi preċiżjoni suffiċjenti x'ammonti ta' inputs ġew ikkunsmati fil-produzzjoni tal-esportazzjoni. Barra minn hekk, il-GTI ma għamilx eżami ulterjuri bbażat fuq l-inputs attwali involuti, għalkemm dan ikollu jsir fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (l-Anness II(5) u l-Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku). Dan irriżulta wkoll fil-fatt li sa mill-istabbiliment tagħha fl-1998, l-SION qatt ma ġiet riveduta.

(43) Għalhekk, is-sottoskema hija kumpensabbli.

(44) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTI kkummenta li hemm mekkaniżmu ta' verifika fis-seħħ u li l-proċess ta' verifika wara l-istess ħaġa kif dovut.

(45) Il-Kummissjoni rrifjutatu dan l-argument. Kif spjegat fil-premessa (36), il-SION li tiddetermina l-ammont ta' materja prima importata mingħajr taxxa qatt ma ġiet riveduta minn mindu ġew imposti u l-Kummissjoni sabet diskrepanza importanti bejn is-SION u l-konsum attwali. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-monitoraġġ tal-applikazzjoni tas-SION ma jistax jiżgura li ma jingħatawx benefiċċji f'eċċess, jekk is-SION sottostanti, li tiddetermina l-ammont ta' materja prima importata mingħajr taxxa, ma tkunx preċiża biżżejjed u dan il-fatt ma jiġix issorveljat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li f'HEG ma kienx possibbli li tiġi traċċata l-materja prima importata għall-prodotti lesti.

(46) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTI kkummenta li mill-Paragrafu 2 tat-Taqsima I skont l-Anness II tal-Ftehim SCM tad-WTO ("ASCM") isegwi li l-iskemi ta' ribass tat-taxxi indiretti huma kumpensabbli biss jekk jipprovdu rimissjonijiet lil hinn mid-dazju tal-importazzjoni fuq l-inputs ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat.

(47) Il-GTI argumenta wkoll li l-AAS mhijiex programm kumpensabbli peress li ma tipprovdix remissjoni żejda tad-dazji tal-importazzjoni fuq l-għadd ta' dazji dovuti fuq l-inputs importati. Dan segwa mit-Taqsima II tal-Anness II tal-ASCM, li tipprovdi linji gwida għad-determinazzjoni ta' jekk l-inputs humiex ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat. Barra minn hekk, ir-rapport tal-bord fl-*Unjoni Ewropea — Miżuri kumpensatorji dwar Ċerti Polietilen Tereftalat mill-Pakistan (WT/DS/486)* jgħid li "*il-prinċipju tar-remissjoni żejda*" jipprovdi standard legali li jiddetermina jekk ir-remissjonijiet tad-dazji tal-importazzjoni miksuba taħt l-iskema ta' rifużjoni tad-dazju jikkostitwixxux kontribuzzjoni finanzjarja.

(48) Il-Kummissjoni spjegat fil-premessa (36) li l-Kummissjoni sabet diskrepanza sostanzjali bejn is-SION u l-konsum attwali. Kif spjegat fil-Premessa (38) il-produttur esportatur li kkoopera żamm ċertu reġistru ta' produzzjoni u ta' konsum. Madankollu, ma kienx possibbli li jiġu vverifikati liema inputs (inkluż l-oriġini tagħhom) ġew ikkonsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat u f'liema ammonti. B'mod partikolari, bis-sistema stabbilita ma kienx possibbli li jiġi identifikat u mkejjel bi preċiżjoni jekk kienx hemm remissjoni żejda. Instab ukoll li l-ebda rekord miżmum mill-kumpaniji ma jippermetti l-kalkolu tar-remissjoni żejda, u għalhekk kwalunkwe ċertifikazzjoni futura minn kontabilist estern awtorizzat/kontabilist tal-kostijiet u x-xogħlijiet saret impossibbli. Il-GTI ma elaborax f'liema aspett dan in-nuqqas ta' possibbiltà ta' verifika ma jilħaqx l-istandard tat-Taqsimiet ikkwotati tal-ASCM.

(49) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

3.2.2.5. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(50) Fin-nuqqas ta' sistemi permessi ta' restituzzjoni tad-dazji u fin-nuqqas tal-possibbiltà ta' verifika tar-rata tal-konsum attwali tal-inputs rilevanti, u minħabba li ma hemmx evidenza affidabbli li turi mod ieħor, l-ammont totali ta' dazji doganali mitluf (dazju doganali bażiku u ċess doganali) jitqies bħala remissjoni żejda li tkun tikkostitwixxi sussidju kumpensabbli f'konformità mal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. It-tariffi tal-applikazzjoni mħallsa mill-kumpanija tnaqqsu.

(51) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dawn l-ammonti ta' sussidju fuq il-fatturat totali mill-esportazzjoni tal-kumpanija matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq, minħabbba li s-sussidju huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(52) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema ammontat għal 1,66 % għal HEG matul il-PIR.

(53) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTI sostna li, jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tikkumpensa għall-AAS, l-ammont biss, li jaqbeż id-dazji, li jkun ġie rimess, jista' jiġi kkumpensat. Il-GTI ddikjara li dan isegwi mir-Rapport tal-Bord tad-WTO dwar il-Miżuri Relatati mal-Esportazzjoni mill-Indja [WT/DS541/R], li jgħid li kwalunkwe eżenzjoni ta' taxxi indiretti li ma jaqbżux id-dazji imposti fuq inputs importati kkunsmati fil-produzzjoni ta' prodott esportat ma għandhiex titqiex bħala kumpensabbli. Il-GTI jargumenta wkoll li r-rapport tal-bord (WT/DS/486) ipprovda l-istandard legali biex tiġi appoġġata din id-determinazzjoni.

(54) Kif spejgat fil-premess (50), fin-nuqqas ta' sistemi permessi ta' restituzzjoni tad-dazji u fin-nuqqas tal-possibbiltà ta' verifika tar-rata tal-konsum attwali tal-inputs rilevanti, u minħabba li ma hemmx evidenza affidabbli li turi mod ieħor, l-ammont totali ta' dazji doganali mitluf (dazju doganali bażiku u ċess doganali) jitqies bħala remissjoni żejda. Ir-rapport tal-Bord tad-WTO dwar Miżuri Relatati mal-Esportazzjoni mill-Indja [WT/DS541/R] ma fihx definizzjoni li tikkontradixxi din il-kunsiderazzjoni.

(55) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

3.2.3. *L-Iskema ta' Esportazzjoni tal-Merkanzija mill-Indja (Merchandise Export from India Scheme, "MEIS")*

(56) Il-Kummissjoni stabbiliet li HEG użat l-MEIS matul il-PIR.

3.2.3.1. Bażi ġuridika

(57) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-MEIS tinsab fil-kapitolu 3 tal-FTP 2015–2020 u tal-FTP 2015–2020 aġġornata u fil-kapitolu 3 tal-HOP 2015–2020 aġġornat ([13]).

3.2.3.2. Eliġibbiltà

(58) Kwalunkwe manifattur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

3.2.3.3. Implimentazzjoni prattika

(59) Il-kumpaniji eliġibbli jistgħu jibbenefikaw mill-MEIS billi jesportaw prodotti speċifiċi lejn pajjiżi speċifiċi li huma kkategorizzati fil-Grupp A ("Swieq Tradizzjonali" inklużi l-Istati Membri kollha tal-UE), fil-Grupp B ("Swieq Emerġenti u Fokus") u l-Grupp C ("Swieq Oħrajn"). Il-pajjiżi li jaqgħu taħt kull grupp u l-lista ta' prodotti bir-rati korrispondenti ta' benefiċċju huma elenkati fl-Appendiċi 3B tal-HOP 2015–2020 aġġornat.

(60) Il-benefiċċju jieħu l-forma ta' kreditu ta' dazju ekwivalenti għal perċentwal tal-valur FOB tal-esportazzjoni. Ir-rata tal-MEIS għall-esportazzjoni tal-GES lejn il-pajjiżi tal-Grupp A matul il-PIR ammontat għal 2 %.

(61) Skont il-paragrafu 3.06 tal-FTP 2015–2020, ċerti tipi ta' esportazzjonijiet huma esklużi mill-iskema, eż., l-esportazzjonijiet ta' oġġetti importati jew ta' oġġetti trasbordati, l-esportazzjonijiet meqjusa, l-esportazzjonijiet ta' servizzi u l-fatturat tal-esportazzjoni ta' unitajiet li joperaw taħt żoni ekonomiċi speċjali/unitajiet li joperaw fl-esportazzjoni.

(62) Il-krediti tad-dazju skont il-MEIS jistgħu jiġu ttrasferiti liberament u huma validi għal perjodu ta' 18-il xahar mid-data tal-ħruġ filwaqt li ċ-ċertifikati tal-krediti tad-dazju li nħarġu fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara din id-data għandhom ikunu validi għal perjodu ta' 24 xahar mid-data tal-ħruġ skont il-paragrafu 3.13 tal-HOP 2015–2020 aġġornat.

(63) Jistgħu jintużaw għal: (i) ħlas tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' inputs jew ta' oġġetti inklużi oġġetti kapitali, (ii) ħlas ta' dazji tas-sisa fuq l-akkwist domestiku ta' inputs jew ta' oġġetti inklużi oġġetti kapitali u ħlas, (iii) ħlas tat-taxxa tas-servizzi fuq l-akkwist ta' servizzi.

(64) Trid timtela applikazzjoni online fis-sit web tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummerċ Barrani biex jitalbu l-benefiċċji skont il-MEIS. Id-dokumentazzjoni rilevanti (poloz ta' kargu, ċertifikat ta' realizzazzjoni bankarja u ċertifikat tal-iżbark) trid tkun mehmuża mal-applikazzjoni online. L-Awtorità Reġjonali ("RA") rilevanti tal-GTI toħroġ il-kreditu tad-dazju wara li tagħmel skrutinju tad-dokumenti. Sakemm l-esportatur jipprovdi d-dokumentazzjoni rilevanti, l-RA ma għandha l-ebda diskrezzjoni fuq l-għoti tal-krediti tad-dazji.

(65) L-iskema MEIS intemmet mill-1 ta' Jannar 2021. Madankollu, instab li HEG ngħatat benefiċċji skont l-iskema MEIS matul il-PIR, peress li l-iskema ppermettiet li jintalbu benefiċċji b'mod retroattiv għal perjodi preċedenti sa tmiem l-2021.

3.2.3.4. Konklużjoni dwar l-MEIS

(66) L-MEIS tipprovdi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Kreditu ta' dazju tal-MEIS huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI, billi l-kreditu eventwalment jintuża sabiex ipatti għad-dazji fuq l-importazzjoni mħallsa fuq oġġetti kapitali, u b'hekk inaqqas id-dħul mid-dazju tal-GTI li kieku kien ikun dovut. Barra minn hekk, il-kreditu ta' dazju tal-MEIS jagħti benefiċċju lill-esportatur, li ma huwiex soġġett għal ħlas ta' dawk id-dazji fuq l-importazzjoni.

(67) Barra dan, l-MEIS hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, u għalhekk hija meqjusa bħala speċifika u kumpensabbli skont l-Artikolu 4(4), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament bażiku.

([13]) https://www.mofpi.gov.in/sites/default/files/updated_hbp_2015–202020.pdf

(68) Din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema ta' restituzzjoni tad-dazji jew sistema ta' restituzzjoni tad-dazji b'sostituzzjoni permissibbli fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Din ma tikkonformax mar-regoli stretti stabbiliti fl-Anness I il-punt (i), fl-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u fl-Anness III (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni b'sostituzzjoni) tar-Regolament bażiku. Esportatur ma jaqa' taħt l-ebda obbligu li jikkonsma attwalment l-oġġetti importati bla dazju fil-proċess tal-produzzjoni u l-ammont ta' kreditu ma huwiex ikkalkolat skont l-inputs attwali użati. Ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ biex tikkonferma liema inputs jiġu kkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk sarx ħlas żejjed ta' dazji tal-importazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-punt (i) tal-Anness I u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Esportatur huwa eliġibbli għall-benefiċċji tal-MEIS irrispettivament minn jekk jimportax xi inputs jew le. Biex jinkiseb il-benefiċċju, huwa biżżejjed li esportatur sempliċiment jesporta l-prodotti mingħajr ma jkollu juri li kien importat xi materjal ta' input. Għalhekk, anke l-esportaturi li jakkwistaw l-inputs tagħhom kollha lokalment u ma jimportaw l-ebda oġġett li jista' jintuża bħala input, xorta huma intitolati li jibbenefikaw mill-MEIS. Barra minn hekk, esportatur jista' juża l-krediti ta' dazju tal-MEIS biex jimporta oġġetti kapitali għalkemm l-oġġetti kapitali ma humiex koperti mill-ambitu tas-sistemi permissibbli ta' rifużjoni tad-dazji, kif stabbilit fl-Anness I il-punt (i) tar-Regolament bażiku, minħabba li ma jiġux ikkunsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati. Barra minn hekk, ma sar l-ebda studju ulterjuri mill-GTI fuq il-bażi tal-inputs u t-tranżazzjonijiet attwali sabiex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm ħlas eċċessiv.

(69) Huwa nnotat li l-MEIS skadiet fl-1 ta' Jannar 2021 ([14]). Madankollu, sa tmiem l-2021, il-kumpaniji xorta setgħu japplikaw għall-iskripts tal-MEIS għat-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li saru fl-2020. Barra minn hekk, il-kumpaniji xorta jistgħu jużaw l-iskript tal-MEIS miksub fl-2021 sabiex jibbilanċjaw id-dazji tal-importazzjoni dovuti, sal-15 ta' Settembru 2023. Għalhekk, il-benefiċċji fl-ambitu ta' din l-iskema ġew riċevuti matul il-PIR u se jkomplu anke wara t-tmiem tal-investigazzjoni.

(70) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI kkummenta li l-MEIS mhuwiex programm kumpensabbli peress li huwa maħsub biss biex jirrimborża t-taxxi indiretti mħallsa fuq l-inputs ikkonsmati fil-produzzjoni ta' oġġetti esportati. Barra minn hekk, il-valur tal-iskritti tal-kreditu tad-dazju (li jingħataw bħala benefiċċji taħt l-MEIS) ma jaqbiżx it-taxxi indiretti mġarrba mill-esportatur. Għalhekk, il-programm MEIS huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (g) u (h) tal-Anness I moqrija man-Nota ta' qiegħ il-paġna 1 tal-ASCM tad-WTO.

(71) Għall-kuntrarju ta' dak li jargumenta l-GOI, il-MEIS tipprovdi remissjoni eċċessiva tad-dazji. Kif muri fil-premessa (68) esportatur ma jaqa' taħt l-ebda obbligi li jikkonsma attwalment l-oġġetti importati bla dazju fil-proċess tal-produzzjoni u l-ammont ta' kreditu ma huwiex ikkalkolat skont l-inputs attwali użati. Ma hemmx sistema jew proċedura fis-seħħ biex tikkonferma liema inputs huma kkonsmati fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodotti għall-esportazzjoni. Is-sempliċi intenzjoni li jitħallsu lura t-taxxi indiretti mħallsa fuq l-inputs ikkunsmati ma tissostitwixxix il-ħtieġa għall-monitoraġġ ta' jekk dawn fil-fatt jiġux ikkunsmati.

(72) Il-GTI kkummenta wkoll li l-MEIS ġiet itterminata mill-GTI b'effett mill-1 ta' Jannar 2021 u l-estensjoni tad-dazju tirriżulta f'kumpens għal programm li taħtu mhu se tingħata assistenza lill-ebda esportatur. Il-GTI indika l-fatt li f'investigazzjonijiet preċedenti l-Kummissjoni żammet lura milli tikkompensa għal skemi li jkunu ġew revokati mill-GTI.

(73) Fil-premessa (69), il-Kummissjoni wriet li minkejja t-terminazzjoni tal-iskema, HEG irċeviet benefiċċji matul il-PIR, wara t-terminazzjoni tal-iskema. Il-Kummissjoni wriet ukoll li dawn il-benefiċċji qed ikomplu anki wara t-tmiem tal-investigazzjoni. L-ebda fatt minn dawn ma ġie kkontestat mill-GTI.

(74) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

3.2.3.5. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(75) F'konformità mal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont tas-sussidji kumpensabbli f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-reċevitur, liema benefiċċju nstab li jeżisti matul il-PIR. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stabbiliet li l-benefiċċju jingħata lir-riċevitur fil-mument meta l-kumpanija tirċievi l-benefiċċju fl-ambitu ta' din l-iskema, wara li l-kumpanija tkun applikat. F'dan il-mument, il-GTI joħroġ kreditu ta' dazju li jitniżżel fil-kotba mill-produttur esportatur bħala kont riċevibbli li jista' jiġi paċut mill-produttur esportatur

([14]) Ta' min jinnota li din l-iskema ġiet issostitwita bi skema ġdida, l-RODTEP, li hija deskritta fit-taqsima 3.2.5 hawn taħt.

fi kwalunkwe mument. Dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Ladarba l-awtoritajiet doganali joħorġu l-polza ta' kargu tal-esportazzjoni, il-GTI ma jkollux diskrezzjoni dwar jekk jagħtix is-sussidju jew le. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u minħabba li ma hemm l-ebda evidenza kredibbli li turi mod ieħor, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li l-benefiċċju skont il-MEIS jiġi vvalutat bħala t-total tal-ammonti miksuba fl-ambitu ta' din l-iskema matul il-PIR. Il-Kummissjoni qieset l-ammonti tal-MEIS miksuba fuq it-tranżazzjonijiet kollha tal-esportazzjoni ta' HEG, peress li l-kumpanija tesporta biss il-prodott taħt rieżami.

(76) F'konformità mal-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, it-tariffi mġarrba mill-kumpanija sabiex tikseb is-sussidju tnaqqsu mill-ammont totali tas-sussidju kull meta ġie mitlub.

(77) F'konformità mal-Artikolu 7(2) u (3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dan l-ammont tas-sussidju fuq il-fatturat mill-esportazzjoni ta' HEG matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq, minħabba li s-sussidju huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(78) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema ammontat għal 0,87 % għal HEG matul il-PIR.

3.2.4. *L-Iskema ta' Promozzjoni tal-Esportazzjoni ta' Oġġetti Kapitali (Export Promotion Capital Goods Scheme, "EPCGS")*

(79) Bħal fl-investigazzjoni oriġinali u fl-aħħar rieżami, il-Kummissjoni stabbiliet li HEG irċeviet konċessjonijiet fl-ambitu tal-EPCGS li setgħu jiġu allokati għall-prodott taħt rieżami li oriġina mill-Indja matul il-PIR.

3.2.4.1. Bażi ġuridika

(80) Id-deskrizzjoni dettaljata tal-EPCGS tinsab fil-kapitolu 5 tal-FTP 2015–2020 kif ukoll fil-kapitolu 5 tal-HOP 2015–2020.

3.2.4.2. Eliġibbiltà

(81) Il-manifatturi-esportaturi, in-negozjanti-esportaturi "marbuta ma'" manifatturi ta' appoġġ u fornituri ta' servizzi huma eliġibbli għal din l-iskema.

3.2.4.3. Implimentazzjoni prattika

(82) Bil-kundizzjoni ta' obbligu għall-esportazzjoni, kumpanija hija permessa timporta oġġetti kapitali (oġġetti kapitali ġodda jew użati li ma għandhomx aktar minn 10 snin) b'rata ta' dazju mnaqqsa. Għal dan l-għan, wara li ssir applikazzjoni u titħallas tariffa l-GTI joħroġ liċenzja tal-EPCGS. L-iskema tipprevedi rata tad-dazju mnaqqsa fuq l-importazzjoni, applikabbli għall-oġġetti kapitali kollha importati skont din l-iskema. Sabiex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-esportazzjoni, l-oġġetti kapitali importati jridu jintużaw biex jiġi prodott ċertu ammont ta' oġġetti meqjusa għall-esportazzjoni matul perjodu partikolari. Skont l-FTP 2015–2020 u l-FTP 2015–2020 aġġornata, l-oġġetti kapitali jistgħu jiġu importati b'rata ta' dazju ta' 0 % taħt l-EPCGS. L-obbligu għall-esportazzjoni, li jammonta għal sitt darbiet id-dazju ffrankat, irid jiġi ssodisfat fi ħdan perjodu massimu ta' sitt snin.

(83) Id-detentur ta' liċenzja tal-EPCGS jista' wkoll jikseb l-oġġetti kapitali lokalment. F'dan il-każ, il-manifattur indiġenu ta' oġġetti kapitali jista' japprofitta huwa stess mill-benefiċċju ta' importazzjoni mingħajr dazju tal-komponenti meħtieġa għall-manifattura ta' dawn l-oġġetti kapitali. Alternattivament, il-manifattur indiġenu jista' jitlob il-benefiċċju ta' esportazzjoni preżunta fir-rigward tal-provvista ta' oġġetti kapitali lil detentur tal-liċenzja tal-EPCGS.

3.2.4.4. Konklużjoni dwar id-EPCGS

(84) L-EPCGS tipprovdi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. It-tnaqqis tad-dazju jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI, billi din il-konċessjoni tnaqqas id-dħul tal-GTI mid-dazju li kien ikun dovut lilu. Barra minn hekk, it-tnaqqis tad-dazju jagħti benefiċċju lill-esportatur, minħabba li d-dazji ffrankati mill-importazzjoni jtejbu l-likwidità tal-kumpanija.

(85) Barra minn dan, l-EPCGS hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, billi tali liċenzji ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn ta' esportazzjoni. Għalhekk, hija meqjusa speċifika u kumpensatorja skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament bażiku.

(86) L-EPCGS ma tistax titqies bħala sistema ta' restituzzjoni tad-dazji jew sistema ta' restituzzjoni tad-dazji b'sostituzzjoni permissibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. L-oġġetti kapitali ma humiex koperti mill-ambitu ta' dawn is-sistemi permissibbli, kif stabbilit fil-punt (I) tal-Anness I tar-Regolament bażiku, minħabba li ma jiġux ikkonsmati fil-produzzjoni tal-prodotti esportati.

3.2.4.5. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(87) L-ammont ta' sussidji kumpensabbli ġie kkalkolat, f'konformità mal-Artikolu 7(3) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tad-dazju doganali mhux imħallas fuq oġġetti kapitali importati mifruxin fuq perjodu li jirrifletti l-perjodu normali ta' deprezzament ta' dawn l-oġġetti kapitali fl-industrija kkonċernata. L-ammont ikkalkolat b'dan il-mod, li huwa attribwibbli għall-PIR, ġie aġġustat biż-żieda tal-imgħax matul dan il-perjodu sabiex ikun rifless il-valur taż-żmien globali tal-flus. Ir-rata kummerċjali tal-imgħax matul il-perjodu tal-investigazzjoni fl-Indja kienet meqjusa xierqa għal dan il-għan.

(88) F'konformità mal-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, it-tariffi mġarrba minn HEG sabiex tikseb is-sussidju tnaqqsu mill-ammont totali tas-sussidju kull meta ġie mitlub.

(89) F'konformità mal-Artikoli 7(2) u 7(3) tar-Regolament bażiku, dan l-ammont ta' sussidju ġie allokat fuq il-fatturat mill-esportazzjoni tal-prodott taħt rieżami matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq peress li l-kumpanija użat magni mixtrija fl-ambitu tal-EPCGS biex tipproduċi biss il-prodott taħt rieżami, minħabba li s-sussidju huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew ittrasportati.

(90) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema ammontat għal 0,31 % għal HEG matul il-PIR.

3.2.5. *Trasferiment dirett tal-fondi*

(91) Il-Kummissjoni analizzat trasferiment dirett ta' fondi fi ħdan l-iskema DDS. L-iskema DDS hija bbażata fuq it-taqsima 75 tal-Att Doganali tal-1962, fuq it-taqsima 37 tal-Att dwar is-Sisa Ċentrali tal-1944, fuq it-taqsimiet 93 A u 94 tal-Att dwar il-Finanzi tal-1994 u fuq ir-Regoli ta' Restituzzjoni tad-Dazji tad-Dwana, tas-Sisa Ċentrali u tat-Taxxa tas-Servizzi tal-1995. Ir-rati ta' restituzzjoni huma ppubblikati fuq bażi regolari.

3.2.6. *Skema ta' Rifużjoni tad-Dazju (Duty Drawback Scheme, "DDS")*

(92) Il-Kummissjoni stabbiliet li HEG użat id-DDS matul il-PIR.

3.2.6.1. Bażi Ġuridika

(93) Il-bażi ġuridika applikabbli matul il-PIR kienet ir-Regoli ta' Restituzzjoni tad-Dazji tad-Dwana u tas-Sisa Ċentrali tal-1995 ("ir-Regoli tad-DDS tal-1995"), kif emendati fl-2006 ([15]) u mbagħad sostitwiti mir-Regoli ta' Restituzzjoni tad-Dazji tad-Dwana u tas-Sisa Ċentrali tal-2017 ([16]) ("ir-Regoli tal-2017") li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2017. Ir-Regola 3(2) tar-Regoli tad-DDS tal-1995 tirregola l-metodu ta' kalkolu ta' din l-iskema tar-restituzzjoni tad-dazju. L-Artikolu 12(1)(a)(ii) tar-Regoli tad-DDS imsemmija jirregola d-Dikjarazzjoni li l-produtturi esportaturi jeħtieġ jippreżentaw sabiex jibbenefikaw mill-iskema. Dawn ir-Regoli baqgħu identiċi fir-Regoli tad-DDS tal-2017 u jikkorrispondu mal-Artikolu 3(2) u mal-Artikolu 13(1)(a)(ii) rispettivament.

([15]) http://www.cbic.gov.in/htdocs-cbec/customs/cs-act/formatted-htmls/cs-rulee

([16]) In-Notifika Nru 88/2017-CUSTOMS (N.T.) New Delhi, il-21 ta' Settembru 2017. http://www.cbic.gov.in/resources//htdocs-cbec/customs/cs-act/notifications/notfns-2017/cs-nt2017/csnt88-2017.pdf

(94) Barra minn hekk, iċ-Ċirkolari Nru 24/2001 ([17]) fiha struzzjonijiet speċifiċi dwar kif għandhom jiġu implimentati r-Regola 3(2) u d-Dikjarazzjoni li l-esportaturi jeħtieġ jipproduċu skont ir-Regola 12(1)(a)(ii).

(95) Ir-Regola 4 tar-Regoli tad-DDS tal-1995 tistipula li l-Gvern Ċentrali jista' jirrevedi l-ammont jew ir-rati iddeterminati skont ir-regola 3. Il-Gvern għamel numru ta' modifiki, bl-aħħar ikunu dawk li rrevedew ir-rati li huma n-Notifika Nru 95/2018 — DWANA u n-Notifika Nru 07/2020 — DWANA. Bħala riżultat ir-rata tad-DDS għall-prodott taħt rieżami kienet ta' 1,6 % tal-valur FOB tal-prodotti esportati. L-istess rata tad-DDS hija applikata għal GES esportat minn HEG.

3.2.6.2. Eliġibbiltà

(96) Kwalunkwe manifattur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

3.2.6.3. Implimentazzjoni prattika

(97) Skont din l-iskema, kwalunkwe kumpanija attiva fl-esportazzjoni ta' prodotti eliġibbli hija intitolata li tirċievi ammont li jikkorrispondi għal perċentwal tal-valur FOB iddikjarat tal-prodott esportat. Skont ir-Regola 3(2) tar-Regoli ta' Restituzzjoni tad-Dazji tad-Dwana u tas-Sisa Ċentrali, il-GTI jibbaża l-ammont rimborżabbli fuq il-valuri medji tal-industrija kollha ta' dazji doganali rilevanti mħallsa fuq materja prima importata u proporzjon ta' konsum medju tal-industrija miġbur minn dak li l-GTI jqis bħala manifatturi rappreżentattivi tal-prodotti eliġibbli għall-esportazzjoni. Imbagħad, il-GTI jesprimi l-ammont li għandu jiġi rimborżat bħala perċentwal tal-valur medju ta' esportazzjoni ta' prodotti esportati eliġibbli.

(98) Sabiex tkun eliġibbli biex tibbenifika minn din l-iskema, kumpanija trid tesporta. Fil-mument meta d-dettalji tal-konsenja jiddaħħlu fis-server Doganali (ICEGATE),jiġi indikat li l-esportazzjoni qed issir fl-ambitu tad-DDS u l-ammont tad-DDS huwa ffissat irrevokabbilment. Wara li l-kumpanija tat-trasport marittimu tkun ippreżentat Manifest Ġenerali tal-Esportazzjoni u l-uffiċċju doganali jkun qabbel b'mod sodisfaċenti dak id-dokument mad-*data* tal-polza ta' esportazzjoni, ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha biex jiġi awtorizzat il-ħlas tal-ammont ta' restituzzjoni jew bi ħlas dirett fil-kont bankarju tal-esportatur jew b'ċekk.

(99) L-esportatur irid jipproduċi wkoll evidenza ta' realizzazzjoni ta' rikavati mill-esportazzjoni permezz ta' Ċertifikat ta' Realizzazzjoni Bankarja ("Bank Realisation Certificate — BRC"). Dan id-dokument jista' jiġi pprovdut wara li jkun tħallas l-ammont ta' restituzzjoni iżda l-GTI jirkupra l-ammont imħallas jekk l-esportatur jonqos milli jissottometti l-BRC fl-iskadenza mogħtija.

(100) L-ammont tar-restituzzjoni jista' jintuża għal kwalunkwe skop u, f'konformità mal-istandards Indjani tal-kontabbiltà, l-ammont jista' jitniżżel fuq bażi tad-dovuti bħala dħul fil-kontijiet kummerċjali, mat-twettiq tal-obbligu għall-esportazzjoni.

(101) Il-leġiżlazzjoni u l-istruzzjonijiet amministrattivi rilevanti jistipulaw li l-amministrazzjoni doganali Indjana jenħtieġ li ma tirrikjedi evidenza li l-esportatur li jitlob ir-restituzzjoni tad-dazji kellu jġarrab jew se jkollu jġarrab obbligazzjoni ta' dazju doganali għall-importazzjonijiet tal-materja prima meħtieġa għall-manifattura tal-prodott esportat. Barra minn hekk, matul iż-żjara ta' verifika, il-GTI kkonferma li l-kumpaniji li jiksbu l-materja prima kollha domestikament xorta jibbenefikaw mir-rata sħiħa kkalkolata skont l-Artikolu 3(2) imsemmi hawn. HEG eżerċitat id-DDS bir-Rata għall-Industrija Kollha, fejn ma tkunx meħtieġa prova ta' dazji attwalment imħallsa.

3.2.6.4. Konklużjoni dwar id-DDS

(102) Id-DDS tipprovdi sussidji fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(i) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. L-hekk imsejjaħ ammont ta' restituzzjoni tad-dazji huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI minħabba li jieħu l-forma ta' trasferiment dirett tal-fondi mill-GTI. Ma hemm l-ebda restrizzjoni fuq l-użu ta' dawn il-fondi. Barra minn hekk, l-ammont tar-restituzzjoni tad-dazji jagħti benefiċċju lill-esportatur, peress li jtejjeb il-likwidità tiegħu.

([17]) Cus. l-20 ta' April 2001, F.NO.605/47/2001-DBK, il-Gvern tal-Indja, il-Ministeru għall-Finanzi, id-Dipartiment tad-Dħul, id-Dikjarazzjoni skont ir-Regola 12(1)(a)(ii) tal-Artikolu sabiex tagħmel użu minn AIR ta' Rifużjoni tad-Dazji. Ara b'mod partikolari it-Taqsimiet 2 u 3 tad-Dikjarazzjoni skont ir-Regola 12(1)(a)(ii) tal-Artikolu sabiex tagħmel użu minn AIR ta' Rifużjoni tad-Dazji; disponibbli fuq: http://www.cbic.gov.in/htdocs-cbec/customs/cs- circulars/cscirculars-2001/24-2001-cus

(103) Ir-rata tar-restituzzjoni tad-dazji għall-esportazzjonijiet hija ddeterminata mill-GTI fuq bażi skont il-prodott. Madankollu, għalkemm is-sussidju huwa msejjaħ restituzzjoni tad-dazji, l-iskema ma għandhiex il-karatteristiċi kollha ta' sistema ta' restituzzjoni tad-dazji jew ta' sistema ta' restituzzjoni b'sostituzzjoni permessibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku; l-iskema lanqas ma tikkonforma mar-regoli stabbiliti fl-Anness I, l-entrata (I), fl-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u fl-Anness III (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni b'sostituzzjoni) tar-Regolament bażiku. Il-ħlas fi flus lill-esportatur ma huwiex neċessarjament marbut ma' ħlasijiet attwali ta' dazji fuq l-importazzjoni fuq il-materja prima, u ma huwiex kreditu ta' dazju sabiex ipaċi d-dazji fuq l-importazzjonijiet ta' materja prima fil-passat jew fil-futur. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ sabiex tikkonferma liema inputs huma kkonsmati fil-produzzjoni tal-prodotti għall-esportazzjoni u b'liema ammonti. Barra minn hekk, il-GTI ma għamilx eżami ulterjuri bbażat fuq l-inputs attwali involuti, għalkemm dan ikollu jsir fin-nuqqas ta' sistema ta' verifika applikata b'mod effettiv (l-Anness II(5) u l-Anness III(II)(3) tar-Regolament bażiku). Ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza tal-eżistenza ta' rabta bejn ir-rati ta' rifużjoni u d-dazji mħallsa fuq il-materja prima.

(104) Konsegwentement, il-ħlas li jieħu l-forma ta' trasferiment dirett ta' fondi mill-GTI wara l-esportazzjonijiet magħmula mill-esportaturi huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u, għalhekk, din l-iskema hija meqjusa bħala speċifika u kumpensabbli fl-ambitu tal-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku.

(105) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li d-DDS hija kumpensabbli.

(106) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTI sostna li d-DDS mhijiex kumpensabbli peress li hija maħsuba biex timplimenta l-prinċipju li t-taxxi jenħtieġ li ma jiġux esportati. L-iskemi msemmija huma skont il-Paragrafu 2 tat-Taqsima I fl-Anness II tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens ("il-Ftehim SCM"). L-irtirar ta' taxxi indiretti jew imposti fuq l-importazzjoni ma jaqbiżx l-ammont ta' dawn it-taxxi jew l-imposti attwalment imposti fuq inputs li huma kkunsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat. Id-DDS hija biss programm li jirrimborża t-taxxi mħallsa fuq l-importazzjoni ta' inputs użati fil-produzzjoni ta' oġġetti esportati. Ir-redditu tal-valuri jiġi kkalkulat minn perċentwal tal-valur FOB esportat, varjabbli skont l-oġġetti esportati.

(107) Il-GTI argumenta wkoll li l-bażijiet tad-*data* tiegħu jintużaw għal kontroverifiki xierqa. Kumitat iżur ukoll l-unitajiet tal-esportazzjoni tal-manifattur biex jikseb għarfien dirett tal-proċess tal-manifattura u josserva n-natura tal-inputs li normalment jintużaw u l-ammont ta' ħela. Il-Kumitat iqis ukoll l-esperjenza tal-industrija u fatturi tekniċi wiesgħa, kif xieraq. Ir-rifużjoni hija l-ammont medju ta' dazju mħallas fuq materjali ta' kwalunkwe klassi partikolari jew deskrizzjoni ta' oġġetti użati fil-manifattura ta' oġġetti għall-esportazzjoni ta' oġġetti speċifikati.

(108) Il-Kummissjoni, madankollu, ma kkunsidratx li r-rabta allegata bejn ir-rati ta' rifużjoni u d-dazji mħallsa fuq il-materja prima hija biżżejjed sabiex l-iskema tikkonforma mar-regoli stabbiliti fl-Anness I il-punt (I), fl-Anness II (definizzjoni u regoli għar-rifużjoni) u l-Anness III (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni b'sostituzzjoni) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, l-ammont ta' kreditu ma ġiex ikkalkulat b'rabta mal-inputs attwali użati. Aktar minn hekk, ma hemmx sistema jew proċedura fis-seħħ biex tikkonferma liema inputs (inkluż l-ammonti u l-oriġini) ġew ikkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk sarx ħlas żejjed ta' dazji tal-importazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-punt (I) tal-Anness I u tal-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, ma sar l-ebda studju ulterjuri mill-GTI fuq il-bażi tal-inputs u t-tranżazzjonijiet attwali sabiex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm ħlas eċċessiv.

(109) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

3.2.6.5. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(110) F'konformità mal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stabbiliet li l-benefiċċju jingħata lir-riċevitur fil-mument meta ssir tranżazzjoni ta' esportazzjoni taħt din l-iskema. F'dan il-mument, il-GTI jkun obbligat iħallas l-ammont tar-restituzzjoni, li jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(I) tar-Regolament bażiku. Ladarba l-awtoritajiet doganali joħorġu polza ta' kargu tal-esportazzjoni li turi, *inter alia*, l-ammont tar-restituzzjoni li għandu jingħata għal dik it-tranżazzjoni ta' esportazzjoni, il-GTI ma jkollu l-ebda diskrezzjoni dwar jekk jagħtix is-sussidju jew le.

(111) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u minħabba li ma hemm l-ebda evidenza kredibbli li turi mod ieħor, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li l-benefiċċju skont id-DDS jiġi vvalutat bħala t-total tal-ammonti ta' rifużjoni miksuba fuq it-tranżazzjonijiet tal-esportazzjoni li jkunu saru taħt din l-iskema matul il-PIR. Il-Kummissjoni qieset l-ammonti ta' rifużjoni tad-dazju miksuba fuq it-tranżazzjonijiet kollha ta' esportazzjoni ta' HEG peress li l-kumpanija tesporta biss il-prodott taħt rieżami.

(112) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dawn l-ammonti tas-sussidju fuq il-fatturat totali mill-esportazzjoni tal-kumpanija matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq, minħabbba li s-sussidju huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(113) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema ammontat għal 1,27 % għal HEG matul il-PIR.

(114) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTI argumenta li, jekk ikun hemm xi rifużjoni żejda, ir-rifużjoni żejda biss tista' tiġi kkumpensata. Il-GTI argumenta li dan huwa appoġġat mir-Rapport tal-Bord, European Union -Countervailing Measures on Certain Polyethylene Terephthalate from Pakistan, WT/DS486/R. Il-GTI kkwota taqsima minn dan ir-rapport tal-Bord li fiha din id-dikjarazzjoni: "Consistent with this observation, Annex III (II) provides guidance for investigating authorities that are designed to allow investigating authorities to identify excess remissions."

(115) Ir-Rapport tal-Bord ma fihx sejbiet li jikkontradixxu l-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar kif id-definizzjoni tal-benefiċċju eċċessiv f'dan il-każ. Kif deskritt fil-premessa (111), peress li ma kienx hemm evidenza ta' proċess ta' verifika attwali li juri mod ieħor, iżda deskrizzjonijiet ġenerali biss ta' kif il-Kumitat jaħdem u jistabbilixxi l-proporzjon tad-DDS, il-Kummissjoni qieset xieraq li tivvaluta l-benefiċċju taħt id-DDS bħala s-somma tal-ammonti ta' rifużjoni miksuba fuq tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni li saru taħt din l-iskema matul il-PIR.

(116) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

3.3. **Skemi addizzjonali użati biex tiġi ddeterminata l-kontinwazzjoni tas-sussidjar**

3.3.1. *Eżenzjoni mid-dazju u skemi ta' remissjoni*

(117) B'mod simili għall-MEIS, l-iskema RODTEP hija bbażata fuq l-Att tal-Kummerċ Barrani (Żvilupp u Regolamentazzjoni) tal-1992 (Nru 22 tal-1992) li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 1992 ("l-Att dwar il-Kummerċ Barrani"). L-RODTEP tfasslet bħala suċċessur tal-iskema MEIS, iżda minħabba d-differenzi bejn dawn l-iskemi dwar kif jingħataw il-benefiċċji, hemm koinċidenza fil-perjodu li fih ġew applikati ż-żewġ skemi.

3.3.2. *Ir-Remissjoni tad-Dazji u t-Taxxi fuq il-Prodotti Esportati ("RODTEP")*

(118) Il-Kummissjoni stabbiliet li HEG użat l-RODTEP matul il-PIR.

3.3.2.1. Bażi ġuridika

(119) Deskrizzjoni dettaljata tal-RODTEP tinsab fil-kapitolu 4 tal-FTP 2015–2020 u tal-FTP 2015–2020 aġġornata u fil-kapitolu 4 tal-HOP 2015–2020 aġġornat. Tinsab ukoll fin-Notifika li tintroduċi l-RODTEP fl-FTP 2015–2020 ([18]).

3.3.2.2. Eliġibbiltà

(120) Kwalunkwe manifattur-esportatur jew negozjant-esportatur huwa eliġibbli għal din l-iskema.

([18]) https://content.dgft.gov.in/Website/dgftprod/8c25b521-147e-40e4-afa4-416eafdf3df6/RoDTEP%20Scheme%20Guidelines%20Notification%2019%20dated%2017%20Aug%202021.pdf

3.3.2.3. Implimentazzjoni prattika

(121) Il-kumpaniji eliġibbli jistgħu jibbenefikaw mill-RODTEP billi jesportaw prodotti, li ma humiex esklużi skont il-lista tat-taqsima 4.55 tal-FTP 2015–2020 bħala Provvisti/Oġġetti/Kategoriji Ineliġibbli skont l-Iskema. Il-GES ma kienx eskluż skont din il-lista.

(122) Skont l-Iskema, jingħata ribass f'perċentwal innotifikat tal-valur FOB b'limitu massimu tal-valur għal kull unità tal-prodott esportat. L-Iskema hija implimentata permezz tal-ħruġ ta' ammont ta' ribass fil-forma ta' kreditu ta' dazju trasferibbli/skript elettroniku (e-scrip), li jinżamm f'reġistru elettroniku mill-Bord Ċentrali tat-Taxxi Indiretti u d-Dwana (CBIC).

(123) L-iskripts elettroniċi jistgħu jintużaw għall-ħlas tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' inputs jew ta' oġġetti inklużi oġġetti kapitali taħt l-Ewwel Skeda għall-Att dwar it-Tariffi Doganali, 1975 viz. Dazju Doganali Bażiku.

3.3.2.4. Konklużjoni dwar l-RODTEP

(124) L-RODTEP tipprovdi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Kreditu ta' dazju tar-RODTEP huwa kontribuzzjoni finanzjarja mill-GTI, billi l-kreditu eventwalment jintuża sabiex ipaċi d-dazji fuq l-importazzjoni mħallsin fuq l-oġġetti kapitali, u b'hekk inaqqas id-dħul mid-dazju tal-GTI li kieku kien irid jitħallas. Barra minn hekk, il-kreditu ta' dazju tal-RODTEP jagħti benefiċċju lill-esportatur, li ma huwiex soġġett għal ħlas ta' dawk id-dazji fuq l-importazzjoni.

(125) Barra dan, l-RODTEP hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, u għalhekk hija meqjusa bħala speċifika u kumpensabbli skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament bażiku.

(126) Din l-iskema ma tistax titqies bħala sistema ta' restituzzjoni tad-dazji jew sistema ta' restituzzjoni tad-dazji b'sostituzzjoni permissibbli fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Din ma tikkonformax mar-regoli stretti stabbiliti fl-Anness I, il-punt (i), fl-Anness II (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni) u fl-Anness III (definizzjoni u regoli għar-restituzzjoni b'sostituzzjoni) tar-Regolament bażiku. Esportatur ma jaqa' taħt l-ebda obbligu li jikkonsma attwalment kwalunkwe oġġett importat bla dazju fil-proċess tal-produzzjoni u l-ammont ta' kreditu ma huwiex ikkalkolat skont l-inputs attwali użati. Ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ biex tikkonferma liema inputs jiġu kkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk sarx ħlas żejjed ta' dazji tal-importazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-punt (i) tal-Anness I u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, ma sar l-ebda studju ulterjuri mill-GTI fuq il-bażi tal-inputs u t-tranżazzjonijiet reali sabiex jiġi ddeterminat jekk kienx hemm ħlas eċċessiv.

(127) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTI argumenta li rieżami ta' skadenza huwa limitat għall-estensjoni tad-dazju li diġà huwa fis-seħħ. Għalhekk, skemi ġodda ta' sussidju bħal RODTEP iridu jibqgħu barra mill-ambitu ta' dan ir-rieżami.

(128) Il-fatt li rieżami ta' skadenza huwa limitat għall-estensjoni ta' dazju diġà fis-seħħ, ma jillimitax lill-Kummissjoni biex tinvestiga biss skemi ta' sussidju li kienu jeżistu fil-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali. Għall-fini li jiġi ddeterminat jekk kompliex sussidjar 'il fuq mil-livell *de minimis* matul il-PIR, il-Kummissjoni qieset r-RODTEP peress li kienet inkluża fit-talba għal rieżami u kienet skema ta' segwitu għall-MEIS.

(129) Il-GTI kompla jafferma li r-RODTEP mhijiex kumpensabbli peress li hija maħsuba biex timplimenta l-prinċipju li t-taxxi jenħtieġ li ma jiġux esportati. L-iskemi msemmija huma skont il-Paragrafu 2 tat-Taqsima I fl-Anness II tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Kumpens ("il-Ftehim SCM"). L-irtirar ta' taxxi indiretti jew imposti fuq l-importazzjoni ma jaqbiżx l-ammont ta' dawn it-taxxi jew l-imposti attwalment imposti fuq inputs li huma kkunsmati fil-produzzjoni tal-prodott esportat. Id-DDS hija biss programm li jirrimborża t-taxxi mħallsa fuq l-importazzjoni ta' inputs użati fil-produzzjoni ta' oġġetti esportati. Il-valuri rimborżati jiġi kkalkulat minn perċentwal tal-valur FOB esportat, varjabbli skont l-oġġetti esportati.

(130) Il-GTI juża l-bażijiet tad-*data* tiegħu għal kontroverifiki xierqa. Kumitat iżur ukoll l-unitajiet tal-esportazzjoni tal-manifattur biex jikseb għarfien dirett tal-proċess tal-manifattura u josserva n-natura tal-inputs li normalment jintużaw u l-ammont ta' ħela. Il-Kumitat iqis ukoll l-esperjenza tal-industrija u fatturi tekniċi wiesgħa, kif xieraq. Ir-rifużjoni hija l-ammont medju ta' dazju mħallas fuq materjali ta' kwalunkwe klassi partikolari jew deskrizzjoni ta' oġġetti użati fil-manifattura ta' oġġetti għall-esportazzjoni ta' oġġetti speċifikati.

(131) Għall-kuntrarju ta' dak li argumenta l-GTI, ir-RODTEP hija biss programm li jirrimborża t-taxxi mħallsa fuq l-importazzjoni ta' inputs użati fil-produzzjoni ta' oġġetti esportati. Kif deskritt fil-premessa (126) esportatur ma jaqa' taħt l-ebda obbligi li jikkonsma attwalment xi oġġetti importati bla dazju fil-proċess tal-produzzjoni u l-ammont ta' kreditu ma huwiex ikkalkolat skont l-inputs attwali użati. Ma hemm l-ebda sistema jew proċedura fis-seħħ biex tikkonferma liema inputs jiġu kkunsmati fil-proċess tal-produzzjoni tal-prodott esportat jew jekk sarx ħlas żejjed ta' dazji tal-importazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-punt (i) tal-Anness I u l-Annessi II u III tar-Regolament bażiku. Għalhekk, id-dettalji li l-GTI ddeskriva dwar kif ir-rata għall-iskema RODTEP hija ddeterminata mill-Kumitat u mill-kontroverifiki mal-banek tad-*data* tiegħu mhumiex rilevanti peress li dan ma jipprevjenix il-benefiċċju eċċessiv.

(132) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

3.3.2.5. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(133) F'konformità mal-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont tas-sussidji kumpensabbli f'termini tal-benefiċċju mogħti lir-reċevitur, li nstab li kien jeżisti matul il-PIR. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stabbiliet li l-benefiċċju huwa mogħti lir-riċevitur fil-mument meta l-kumpanija tirċievi l-benefiċċju fl-ambitu ta' din l-iskema. Attwalment, il-GTI joħroġ kreditu ta' dazju, li jitniżżel fil-kotba minn HEG bħala dejn pendenti li jista' jiġi kkumpensat minn HEG fi kwalunkwe mument. Dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) tar-Regolament bażiku. Ladarba l-awtoritajiet doganali joħorġu l-polza ta' kargu tal-esportazzjoni, il-GTI ma jkollu l-ebda diskrezzjoni dwar jekk jagħtix is-sussidju. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u minħabba li ma hemm l-ebda evidenza kredibbli li turi mod ieħor, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li l-benefiċċju skont ir-RODTEP jiġi vvalutat bħala t-total tal-ammonti miksuba minn tranżazzjonijiet li jkunu saru taħt din l-iskema matul il-PIR mill-produttyr esportatur li jikkoopera HEG. Il-Kummissjoni qieset l-ammonti tar-RODTEP miksuba fuq it-tranżazzjonijiet kollha tal-esportazzjoni ta' HEG, peress li l-kumpanija tesporta biss prodott taħt rieżami.

(134) F'konformità mal-Artikolu 7(1)(a) tar-Regolament bażiku, it-tariffi mġarrba mill-produttur esportatur li jikkoopera HEG sabiex jikseb is-sussidju tnaqqsu mill-ammont totali tas-sussidju meta ġie mitlub.

(135) F'konformità mal-Artikolu 7(2) u (3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dan l-ammont tas-sussidju fuq il-fatturat mill-esportazzjoni ta' HEG matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq, minħabba li s-sussidju huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(136) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema ammontat għal 0,59 % għal HEG matul il-PIR.

(137) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTI argumenta li, jekk ikun hemm xi rifużjoni żejda, ir-rifużjoni żejda biss tista' tiġi kkumpensata. Il-GTI argumenta li dan huwa appoġġat mir-Rapport tal-Bord, l-Unjoni Ewropea — Miżuri Kumpensatorji dwar Ċertu Polietilentereftalat mill-Pakistan, WT/DS486/R. Il-GTI kkwota taqsima minn dan ir-rapport tal-Bord li fiha din id-dikjarazzjoni: "Consistent with this observation, Annex III (II) provides guidance for investigating authorities that are designed to allow investigating authorities to identify excess remissions."

(138) Ir-Rapport tal-Bord ma fihx sejbiet li jikkontradixxu l-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar kif jiġi ddefinit il-benefiċċju eċċessiv f'dan il-każ. Kif deskritt fil-premessa (133), peress li ma hemmx evidenza ta' proċess ta' verifika attwali li juri mod ieħor, iżda deskrizzjonijiet ġenerali biss ta' kif il-Kumitat jaħdem u jistabbilixxi l-proporzjon tar-RODTEP, il-Kummissjoni qieset xieraq li tivvaluta l-benefiċċju taħt ir-RODTEP bħala s-somma tal-ammonti ta' rifużjoni miksuba fuq tranżazzjonijiet ta' esportazzjoni li saru taħt din l-iskema matul il-PIR.

(139) Għaldaqstant, il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

3.3.3. *Finanzjament preferenzjali: Skema ta' Ekwalizzazzjoni tal-Imgħax ("IES")*

(140) Il-Kummissjoni stabbiliet li HEG irċeviet benefiċċji skont l-IES li setgħu jiġu allokati lill-prodott taħt rieżami matul il-PIR.

3.3.3.1. Bażi ġuridika

(141) Il-Bank ta' Riżerva tal-Indja (Reserve Bank of India, "RBI") ħabbar l-"Interest Equalisation Scheme on Pre and Post Shipment Rupee Export Credit" fiċ-Ċirkolari Prinċipali DBR.Dir.BC.Nru 62/04.02.001/2015-16 datata l-4 ta' Diċembru 2015. L-IES oriġinarjament kienet se tiskadi f'Settembru 2021. Madankollu, f'Marzu 2022, l-RBI innotifika lill-banek dwar l-estensjoni retroattiva tal-iskema sal-2024, iżda bir-rata aktar baxxa ta' 2 %.

3.3.3.2. Eliġibbiltà

(142) L-IES hija disponibbli għal esportazzjonijiet ta' firxa wiesgħa ta' prodotti, inkluż il-GES, irrispettivament mid-daqs tal-produttur esportatur u għal kwalunkwe esportazzjoni minn Intrapriżi Mikro, Żgħar u Medji.

3.3.3.3. Implimentazzjoni prattika

(143) L-IES hija skema amministrata mid-DGFT. Oriġinarjament din kienet tipprovdi kumpens ta' 3–5 % għall-imgħax għas-self mogħti fir-rigward tal-esportazzjonijiet taħt 416-il linja tariffarja skont Anness A u l-esportazzjonijiet magħmula minn Intrapriżi Mikro, Żgħar u Medji (MSMEs) fil-kodiċijiet kollha tal-ITC(HS).

(144) Iċ-Ċirkolari Prinċipali datata l-4 ta' Diċembru 2015 stipulat li mix-xahar ta' Diċembru 2015 'il quddiem, il-banek kellhom inaqqsu r-rata tal-imgħax imposta fuq l-esportaturi eliġibbli skont il-linji gwida dwar ir-rati tal-imgħax fuq l-avvanzi permezz tal-ugwalizzazzjoni tar-rata tal-imgħax ipprovduta mill-Gvern tal-Indja. Il-banek lokali rċevew kumpens mill-Bank ta' Riżerva tal-Indja sabiex l-imgħaxijiet aktar baxxi jingħataw lill-kumpaniji eliġibbli. Il-benefiċċju ta' ugwalizzazzjoni tal-imgħax huwa disponibbli mid-data tal-iżborż sad-data tar-ripagament jew sad-data li warajha l-kreditu tal-esportazzjoni pendenti jsir dovut. Madankollu, l-ugwalizzazzjoni tal-imgħax hija disponibbli għall-esportaturi eliġibbli biss matul il-perjodu li fih l-iskema tkun fis-seħħ.

(145) Meta f'Marzu 2022, ir-RBI innotifika lill-banek dwar l-estensjoni retroattiva tal-iskema sal-2024 bir-rata aktar baxxa ta' 2 %, dan ippermetta wkoll lill-banek privati jirrimborżaw b'mod retroattiv lill-produtturi esportaturi eliġibbli l-ammont ta' kumpens rispettiv għall-perjodu bejn Ottubru 2021 u Marzu 2022.

3.3.3.4. Konklużjoni dwar l-IES

(146) L-IES tipprovdi sussidji skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Il-banek privati huma marbuta direttament bil-liġi biex jipprovdu kumpens għall-imgħax lill-kumpaniji eliġibbli.

(147) Barra minn dan, l-IES hija kontinġenti fil-liġi fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni, minħabba li dawn il-kumpensi għall-imgħax tas-self ma jistgħux jinkisbu mingħajr impenn ta' esportazzjoni. Għalhekk, hija meqjusa speċifika u kumpensabbli skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament bażiku.

3.3.3.5. Kalkolu tal-ammont ta' sussidju

(148) Skont l-Artikolu 6(b) tar-Regolament bażiku, il-benefiċċju mogħti lir-riċevitur huwa d-differenza bejn l-ammont tal-imgħax li l-kumpanija tħallas fuq is-self preferenzjali u l-ammont li l-kumpanija kieku tħallas għal self kummerċjali komparabbli li jista' jinkiseb fis-suq finanzjarju Indjan (jiġifieri, il-kumpens għall-imgħax previst mil-liġi). Għalhekk, l-ammont ta' sussidji kumpensabbli tqies li huwa ugwali għall-ammont ta' imgħax relatat mal-PIR paċut mill-RBI u b'hekk iffrankat minn HEG. Dan jinkludi wkoll l-ammonti li ġew rimborżati b'mod retroattiv mill-banek fir-rigward tal-PIR, minħabba l-estensjoni retroattiva tal-iskema f'Marzu 2022.

(149) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni allokat dan l-ammont tas-sussidju fuq il-fatturat mill-esportazzjoni ta' HEG matul il-PIR bħala d-denominatur xieraq, minħabba li s-sussidju huwa kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u ma ngħatax b'referenza għall-kwantitajiet manifatturati, prodotti, esportati jew trasportati.

(150) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fir-rigward ta' din l-iskema ammontat għal 0,71 % għal HEG matul il-PIR.

3.4. **Skemi addizzjonali oħrajn**

3.4.1. *Skemi nazzjonali*

(151) L-Iskema ta' Awtorizzazzjoni tal-Importazzjoni Mingħajr Dazju ("DFIA") hija skema ta' eżenzjoni mid-dazju għall-importazzjonijiet li huma inkorporati fl-esportazzjonijiet, regolati skont il-Kapitolu 4 tal-FTP 2015–2020. L-iskema kompliet taħt l-FTP 2015–2020 aġġornata. Għall-esportazzjonijiet li jibbenefikaw mill-AAS, kumpanija ma tistax titlob benefiċċji skont id-DFIA fl-istess ħin. Ma nstab l-ebda benefiċċju għal HEG matul il-PIR.

(152) Skont l-Artikolu 8.1.3 taċ-Ċirkolari Prinċipali, l-esportaturi b'affidabbiltà kreditizja b'rekord tajjeb jingħataw aċċess faċli għall-kreditu għall-esportazzjoni fuq l-aħjar termini permezz tal-Iskema tal-Karta tad-Deheb. Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda benefiċċju speċifiku għal HEG matul il-PIR li jista' jkun marbut mal-Iskema tal-Karta tad-Deheb.

(153) L-iskema tad-Detentur tal-Istatus tagħti benefiċċji lill-mexxejja tan-negozju li jkunu eċċellaw fil-kummerċ internazzjonali u li jkunu kkontribwew b'suċċess għall-kummerċ barrani tal-pajjiż. L-esportaturi kollha b'numru ta' kodiċi tal-importazzjoni-esportazzjoni huma eliġibbli għall-iskema dment li jilħqu livell limitu definit ta' livelli ta' prestazzjoni tal-esportazzjoni fit-tliet snin finanzjarji kurrenti u preċedenti. Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda benefiċċju speċifiku għal HEG matul il-PIR li jista' jkun marbut mal-iskema tad-Detentur tal-Istatus.

(154) Matul il-PIR, HEG approfittat ruħha minn Finanzjament tal-Esportazzjoni ta' Qabel u ta' Wara l-Vjeġġ. Madankollu, minbarra r-ribass tal-imgħax taħt l-Iskema ta' Ekwalizzazzjoni tal-Imgħax diġà diskussa fit-taqsima 3.3 hawn fuq, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda benefiċċju speċifiku għal HEG marbut mal-finanzjament tal-esportazzjoni ta' qabel u ta' wara l-vjeġġ.

(155) L-Inizjattiva għall-Aċċess għas-Suq ("Market Access Initiative — MAI") hija skema ġenerali għall-promozzjoni tal-esportazzjoni, li madankollu timmira biss lejn l-aġenziji ta' implimentazzjoni biex tippromwovi l-esportazzjonijiet u tiffaċilita l-Aċċess għas-Suq. Din ma tinvolvi l-ebda interazzjoni diretta mal-Produtturi esportaturi iżda mal-Kunsill għall-Promozzjoni tal-Esportazzjoni taħt is-superviżjoni tal-Ministeru għall-Kummerċ. Il-produtturi esportaturi jistgħu jibbenefikaw indirettament mir-rimborż tal-kostijiet għal attivitajiet marbuta mal-promozzjoni tal-esportazzjoni. Madankollu, ma nstab l-ebda benefiċċju għal HEG matul il-PIR.

3.4.2. *Skemi reġjonali*

(156) F'din l-investigazzjoni ma kkoopera l-ebda esportatur bi produzzjoni f'Karnataka u Maharashtra. Għalhekk, il-Kummissjoni jkollha bżonn tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq il-fatti disponibbli.

(157) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GOI kkummenta li l-Kummissjoni kkumpensat għal programmi minn Karnataka u Maharashtra u sostna li ma hemm l-ebda produttur tal-prodott taħt rieżami f'Maharashtra.

(158) Għall-kuntrarju tal-fehim tal-GTI, għall-fini ta' din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ma għamlet l-ebda sejba dwar skemi reġjonali f'Karnataka u Maharashtra.

(159) Matul l-aħħar rieżami ta' skadenza, HEG ibbenifikat minn eżenzjoni mid-dazju fuq l-elettriku pprovduta mill-Istat ta' Madhya Pradesh lill-kumpaniji industrijali li jinvestu fil-ġenerazzjoni tal-elettriku għall-konsum ristrett. L-eliġibbiltà ta' HEG li tibbenefika minn din l-iskema skadiet fl-2016.

(160) Fir-rigward tal-elettriku mixtri, l-ilment semma' ribass ta' 2 RS bħala benefiċċju possibbli taħt skemi reġjonali. Il-fatturi tal-elettriku rieżaminati fil-kumpanija wrew differenzi mat-tariffa industrijali regolari tal-elettriku, inkluż ribass imsemmi fil-fatturi. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ġabret dokumenti mill-kumpanija u mill-GTI relatati mat-tariffi tal-enerġija applikabbli għal HEG f'Madhya Pradesh.

(161) Id-dokumenti u informazzjoni oħra disponibbli wrew li l-Kummissjoni Regolatorja tal-Elettriku ta' Madhya Pradesh kienet ikkostitwita mill-Gvern ta' Madhya Pradesh permezz tan-Notifika fil-Gazzetta tal-20 ta' Awwissu 1998. L-Att dwar l-Elettriku tal-2003 (Nru 36 tal-2003) ippromulgat mill-Parlament reġjonali daħal fis-seħħ b'effett mill-10 ta' Ġunju 2003 u l-Kummissjoni issa hija meqjusa li ġiet ikkostitwita u qed tiffunzjona skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Elettriku tal-2003. It-Taqsima 86 tal-Att dwar l-Elettriku tal-2003 ippreskrivit il-funzjonijiet ta' dik il-Kummissjoni tal-Istat li jinkludu:

"(a) li tiddetermina t-tariffa għall-ġenerazzjoni, għall-provvista, għat-trażmissjoni u għat-twaħħil tal-elettriku, bl-ingrossa jew bl-imnut, skont il-każ, fl-Istat:

Dment li fejn l-aċċess miftuħ ikun ġie permess għal kategorija ta' konsumaturi skont it-Taqsima 42, il-Kummissjoni tal-Istat għandha tiddetermina biss l-imposti tal-mili tal-elettriku u l-imposta miżjuda fuqhom, jekk ikun hemm, għall-kategorija msemmija ta' konsumaturi;

(b) li tirregola l-proċess tax-xiri u tal-akkwist tal-elettriku tad-detenturi tal-liċenzja tad-distribuzzjoni inkluż il-prezz li bih għandu jiġi akkwistat l-elettriku mill-kumpaniji tal-ġenerazzjoni jew mid-detenturi tal-liċenzja jew minn sorsi oħrajn permezz ta' ftehimiet għax-xiri tal-enerġija għad-distribuzzjoni u għall-provvista fl-Istat;"

(162) Fl-Ordnijiet tagħha tat-Tariffi tal-Provvista bl-Imnut, il-Kummissjoni Regolatorja tal-Elettriku ta' Madhya Pradesh stabbiliet ribass għall-konsumaturi industrijali b'impjanti tal-enerġija ristretta. Ir-ribass inħoloq inizjalment għal perjodu ta' 5 snin li jibda mis-sena finanzjarja 2016/2017, iżda ġie estiż biex ikun applikabbli sas-sena finanzjarja 2022/2023. Matul il-PIR, l-Ordni tat-Tariffa tal-Provvista bl-Imnut għas-sena finanzjarja 2020-21 indikat li għandu jkun applikabbli ribass ta' RS 2 għal kull unità fuq il-prezz regolari tal-unitajiet tal-elettriku inkrementali mixtrija mill-konsumatur mill-grilja, soġġett għal tnaqqis fil-konsum tiegħu tal-enerġija ġġenerata b'mod ristrett.

(163) Barra minn hekk, l-Ordnijiet tat-Tariffi tal-Provvista bl-Imnut ikomplu jindikaw Tariffa speċjali għal kategorija speċifika ta' utenti industrijali, imsejħa "Industriji Intensivi fl-Enerġija", li hija taħt ir-rata regolari għall-utenti industrijali (ir-"rata mnaqqsa tal-elettriku").

(164) Ir-ribass għal impjant tal-enerġija għall-awtokonsum hija disponibbli għal kumpaniji li jinsabu fl-Istat ta' Madhya Pradesh li ssodisfaw bis-sħiħ jew parzjalment id-domanda għall-enerġija tagħhom f'sena finanzjarja waħda bejn l-2016 u l-2020 permezz ta' impjanti tal-enerġija għall-awtokonsum u issa qed ibigħu l-enerġija tagħhom stess lill-grilja u sussegwentement jixtru mill-ġdid id-domanda għall-enerġija tagħhom mill-grilja.

(165) Ir-rati mnaqqsa tal-elettriku għall-industriji intensivi fl-enerġija huma disponibbli biss għal kumpaniji li jinsabu fl-Istat ta' Madhya Pradesh li huma attivi bħala Impjanti Żgħar tal-Azzar ("Mini Steel Plants — MSP"), MSP b'magni tar-romblu/impjanti tal-isponge iron fl-istess bini, l-industrija elettrokimika/elettrotermali, jew l-industrija tal-liga tal-ħadid.

(166) It-tnaqqis u r-rati mnaqqsa tal-elettriku huma stabbiliti mill-Kummissjoni Regolatorja tal-Elettriku ta' Madhya Pradesh fl-Ordni annwali tagħha tat-Tariffi tal-Provvista bl-Imnut. L-operatur tal-grilja kompletament proprjetà tal-gvern, Madhya Pradesh Madhya Kshetra Vidyut Vitaran Co. Ltd (wieħed mill-erba' fornituri tal-elettriku li huma proprjetà pubblika fl-Istat), imbagħad tapplika dawn l-ordnijiet fil-kontijiet tal-enerġija rispettivi tagħha. Minbarra l-impjanti tal-enerġija ristretta, ma hemm l-ebda attur privat li jopera fis-suq tal-elettriku f'Madhya Pradesh.

(167) Minħabba s-sejbiet dwar l-iskemi deskritti fit-taqsimiet 3.2 u 3.3, li diġà jikkonfermaw il-kontinwazzjoni tas-sussidjar f'livell ferm ogħla mil-limitu *de minimis*, il-Kummissjoni kkonkludiet li fil-kuntest ta' dan ir-rieżami ta' skadenza ma kienx meħtieġ li ż-żewġ skemi jiġu analizzati ulterjorment (ir-ribass fl-elettriku u r-rata mnaqqsa tal-elettriku għal ċerti setturi industrijali) biex issir determinazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tas-sussidjar, li kien diġà stabbilit.

(168) Madankollu, abbażi tad-dokumenti miġbura, u fid-dawl tal-fatt li l-applikazzjoni kemm tar-ribass fl-elettriku kif ukoll tar-rata bi tnaqqis tal-elettriku twassal għal tnaqqis tal-prezz b'50 % meta mqabbel mar-rata regolari tal-elettriku għall-utenti industrijali kbar fl-Istat ta' Madhya Pradesh, ma jistax jiġi eskluż li l-produttur esportatur li kkoopera rċieva benefiċċju sinifikanti taħt dawn l-iskemi.

(169) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTI kkummenta li investigazzjoni f'din l-iskema ma kinitx koperta la fin-Notifika ta' Bidu, u lanqas fil-konsultazzjonijiet mal-GTI kif meħtieġ skont l-ASCM.

(170) F'konformità mal-premessi (159) u (160) il-Kummissjoni qieset li l-iskema kienet koperta mit-talba għal rieżami u possibbilment kienet tikkostitwixxi kontinwazzjoni tal-iskema tal-elettriku preċedenti. Madankollu, il-Kummissjoni kkonfermat ukoll il-pożizzjoni tagħha deskritta fil-premessa (168) li għall-fini ta' dan ir-rieżami ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġu analizzati bis-sħiħ iż-żewġ skemi. Għalhekk, ma ġiex iddeterminat jekk kienx hemm sussidju fir-rigward ta' dawn l-iskemi.

3.5. **L-ammont ta' sussidji kumpensabbli**

(171) L-ammonti ta' sussidji kumpensabbli f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku, espressi *ad valorem*, għall-produttur esportatur li kkoopera kienu kif ġej:

Skemi	DDS	AAS	MEIS	RODTEP	EPCGS	IES	Total
HEG	1,27 %	1,66 %	0,87 %	0,59 %	0,31 %	0,71 %	5,41 %

(172) L-ammont totali ta' sussidjar jaqbeż il-limitu *de minimis* imsemmi fl-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

3.6. **Konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tas-sussidjar**

(173) Ġie stabbilit li l-produttur esportatur li kkoopera kompla jibbenefika mis-sussidjar kumpensabbli mill-awtoritajiet Indjani matul il-PIR. Ġie stabbilit li s-sussidjar kompla fil-livell tal-pajjiż ukoll, peress li l-biċċa l-kbira tal-iskemi huma disponibbli fin-nazzjon kollu għall-esportaturi tal-GES.

(174) L-iskemi ta' sussidju kumpensabbli jagħtu benefiċċji rikorrenti u ma hemmx indikazzjoni li dawn l-iskemi se jitneħħew gradwalment fil-futur prevedibbli jew li HEG mhux se tkompli tieħu benefiċċji taħt dawn l-iskemi. Għall-kuntrarju, l-iskemi nazzjonali relatati mat-taxxa ġġeddu matul il-PIR bħala parti mill-Politika tal-Kummerċ Barrani 2015–202020 li se tibqa' fis-seħħ sa Marzu 2023. Barra minn hekk, huwa mfakkar li l-applikazzjoni tal-Politika tal-Kummerċ Barrani 2015–202020 ġiet estiża diversi drabi, li jindika li l-Politika tal-Kummerċ Barrani li jmiss x'aktarx se tkompli s-sussidjar. Barra minn hekk, kull esportatur huwa eliġibbli għal diversi skemi ta' sussidju. L-unika eċċezzjoni tikkonċerna l-MEIS, li skadiet f'Jannar 2021. Madankollu, din l-iskema ġiet issostitwita bi skema simili, ir-RODTEP, li għaliha l-kumpanija akkumulat benefiċċji, kif enfasizzat fit-taqsima 3.2.5 hawn fuq.

(175) Bl-istess mod, il-Kummissjoni sabet li l-finanzjament preferenzjali fl-ambitu tal-iskema IES ġie estiż mill-anqas sal-2024.

(176) L-investigazzjoni wriet ukoll li matul il-PIR l-importazzjonijiet Indjani komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni u żammew il-kwantitajiet u l-ishma mis-suq tagħhom bħal fl-aħħar żewġ investigazzjonijiet ta' rieżami. Barra minn hekk, l-analiżi tal-volum tal-produzzjoni u tal-kapaċità ta' riżerva fl-Indja, tal-volumi tal-esportazzjoni u l-prezzijiet mill-Indja lejn swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn, tal-miżuri eżistenti fil-pajjiżi terzi l-oħrajn, u tal-attraenza tas-suq tal-Unjoni li tinsab fil-premessi (250) sa (270) turi wkoll li huwa probabbli li l-esportazzjonijiet sussidjati jkomplu jżidu l-preżenza diġà sostanzjali tagħhom fis-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri kurrenti jitħallew jiskadu.

(177) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, f'konformità mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' sussidjar jekk il-miżuri fis-seħħ jitħallew jiskadu.

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(178) Il-prodott simili kien manifatturat minn seba' produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Huma jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(179) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami kienet stabbilita għal 219 330 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra abbażi tat-tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u d-*data* provduta mill-produtturi mhux inklużi fil-kampjun u mill-applikanti ([19]). Kif indikat fil-premessa (15), it-tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn 61 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

4.2. **Konsum tal-Unjoni**

(180) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-volumi ta' bejgħ tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni stess maħsuba għas-suq tal-Unjoni u abbażi tal-volumi tal-importazzjonijiet miksuba mill-istatistika tal-Eurostat.

(181) Abbażi ta' dan, il-konsum mill-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Konsum tal-Unjoni (tunnellati) ([20])

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Konsum totali tal-Unjoni	152 612	120 169	99 873	137 279
Indiċi	*100*	*79*	*65*	*90*

Sors: Eurostat, informazzjoni provduta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u mhux inklużi fil-kampjun, informazzjoni provduta mill-applikanti.

(182) Il-konsum tal-Unjoni tal-GES naqas b'10 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Is-sena 2018 wriet konsum għoli xprunat minn domanda għolja tal-industrija tal-azzar tal-UE, li kienet fil-proċess tal-irkupru mill-kriżi tal-azzar. Barra minn hekk, f'sitwazzjoni ta' żieda f'daqqa fil-prezzijiet tal-GES, il-produtturi tal-azzar kienu qed jibnu ħażniet ta' GES għaliex stennew żieda addizzjonali.

(183) Fl-2019, il-produzzjoni tal-azzar minn fran bl-ark elettriku naqset, meta mqabbla mal-2018 (b'6,6 % skont iċ-ċifri tal-Eurofer). Konsegwentement, id-domanda għall-GES naqset. Peress li l-prezz tal-GES naqas b'mod sinifikanti, ż-żieda fl-istokkijiet ma baqgħetx meqjusa meħtieġa għall-industrija downstream peress li l-utenti ma kinux għadhom imħassba dwar żieda ulterjuri fil-prezz. B'konsegwenza ta' dan, il-produtturi tal-azzar kienu qegħdin inaqqsu l-istokk mill-inventarji tal-GES tagħhom. Barra minn hekk, id-domanda kompliet tonqos — iżda din id-darba fuq bażi temporanja fl-2020, wara t-tifqigħa tal-COVID-19.

4.3. **Importazzjonijiet mill-Indja**

4.3.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Indja*

(184) Kif imsemmi fil-premessa (180), il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet mill-Indja abbażi tal-istatistika tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq kien stabbilit fuq il-bażi tal-konsum tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessa (181).

(185) L-importazzjonijiet mill-Indja żviluppaw kif ġej:

([19]) Il-volum tal-produzzjoni huwa bbażat fuq id-*data* tal-EU-27 peress li r-Renju Unit ma baqax jagħmel parti mill-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Frar 2020 u l-perjodu ta' tranżizzjoni għall-ħruġ tar-Renju Unit intemm fil-31 ta' Diċembru 2020.

([20]) Il-konsum huwa bbażat fuq *data* tal-EU-27, minbarra *data* relatata mar-Renju Unit.

Tabella 2

Volum tal-importazzjonijiet (tunnellati) u sehem mis-suq

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Il-volum ta' importazzjonijiet mill-Indja (tunnellati)	5 802	3 369	2 154	6 540
Indiċi	*100*	*58*	*37*	*113*
Sehem mis-suq (%)	4	3	2	5
Indiċi	*100*	*74*	*57*	*125*

Sors: Il-Eurostat u l-bażi tad-*data* 14.6.

(186) L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mill-pajjiż ikkonċernat naqsu fl-2019 u fl-2020, wara t-tnaqqis fil-konsum tal-UE, u rkupraw matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'mod ġenerali, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-importazzjonijiet żdied minn 5 802 tunnellati fl-2018 għal 6 540 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, jiġifieri bi 13 %. L-importazzjonijiet ta' GES mill-Indja kienu jirrappreżentaw madwar 16 % tal-importazzjonijiet totali ta' GES lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami li jikkorrispondu għal sehem mis-suq ta' 5 %.

(187) B'mod ġenerali, l-importazzjonijiet mill-Indja u s-sehem mis-suq tagħhom żdiedu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Minkejja t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, il-volum tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u ssussidjati mill-Indja baqa' jiżdied matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (bi 13 %), filwaqt li l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas.

4.3.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indja u t-twaqqigħ tal-prezzijiet*

(188) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-Indja żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/tunnellata)

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Indja	13 756	10 211	4 120	2 747
Indiċi	*100*	*74*	*30*	*20*

Sors: Eurostat.

(189) Il-prezz medju tal-importazzjoni ([21]) ta' GES mill-Indja naqas bi 80 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, minn EUR 13 756/tunnellata fl-2018 għal EUR 2 747/tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(190) Minħabba d-domanda globali għolja għall-GES, il-prezzijiet tal-Indja qabżu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni fl-ewwel nofs tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni, iżda mbagħad naqsu b'60 % bejn l-2018 u l-2020 u baqgħu konsistentement aktar baxxi mill-prezzijiet tal-Unjoni fl-2020 u fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(191) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami billi qabblet:

(a) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni li jintalab lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustat għal livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; u

([21]) Il-prezz tal-importazzjoni mingħajr id-dazji doganali u AD/AS. Sors: Eurostat.

(b) l-prezzijiet medji ponderati korrispondenti tal-importazzjoni tal-prodott taħt rieżami mill-Indja mill-produttur esportatur Indjan li kkoopera, stabbiliti fuq bażi tas-CIF, inkluż id-dazju anti-dumping u dak kumpensatorju, b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni. Fin-nuqqas ta' aktar informazzjoni, dawn il-kostijiet ġew stmati għal 1 % tal-valur CIF.

(192) Dan irriżulta f'marġni ta' twaqqigħ tal-prezz medju ta' 41,1 %.

(193) Wara d-divulgazzjoni, il-Gvern tal-Indja (GTI), argumenta li l-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz ikkalkulat mill-Kummissjoni mhuwiex rappreżentattiv peress li mhuwiex ibbażat fuq il-prezzijiet attwali tas-suq fl-Unjoni. Fil-fehma tal-GTI, il-fatt li l-bejgħ miksub minn GrafTech Iberica sar skont kuntratti fit-tul ("LTAs") wassal għal prezz tal-bejgħ artifiċjalment għoli li mhuwiex indikattiv tal-prezz tas-suq tal-GES fl-Unjoni.

(194) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' din il-valutazzjoni. Il-LTAs mhumiex prattika kummerċjali mhux komuni u deċiżjoni kummerċjali li fiha klijent jaċċetta li jorbot lilu nnifsu b'livell ta' prezz partikolari bi skambju għal sigurtà tal-provvista. Meta wieħed iqis li l-LTAs kienu qed jintużaw f'negozjati fis-suq rilevanti, il-preżenza tagħhom fil-kampjun ma tirrendix il-kampjun mhux rappreżentattiv. Barra minn hekk, parti biss mill-bejgħ li sar minn GrafTech kien kopert minn LTAs filwaqt li l-bejgħ taż-żewġ produtturi l-oħra tal-Unjoni fil-kampjun fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ma kienx kopert minn LTAs simili. Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, filwaqt li jirrappreżentaw parti mis-suq, b'mod ġenerali l-LTAs użati minn GrafTech Iberica ma affettwawx b'mod sinifikanti l-kalkolu tat-twaqqigħ tal-prezz. Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ma ntlaqgħetx.

4.3.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr l-Indja*

(195) L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami minn pajjiżi terzi oħrajn primarjament kienu miċ-Ċina, mill-Messiku u mir-Russja.

(196) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 4

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr l-Indja

Pajjiż		2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
RPĊ	Volum (tunnellati)	22 054	19 284	20 074	26 065
	Indiċi	*100*	*87*	*91*	*118*
	Sehem mis-suq (%)	14	16	20	19
	Indiċi	*100*	*111*	*139*	*131*
	Prezz medju	10 875	5 253	2 337	2 614
	Indiċi	*100*	*48*	*21*	*24*
Ir-Russja	Volum (tunnellati)	1 076	3 229	780	3 371
	Indiċi	*100*	*300*	*72*	*313*
	Is-sehem mis-suq (%)	1	3	1	2
	Indiċi	*100*	*381*	*111*	*348*
	Prezz medju	9 623	5 771	4 898	2 851
	Indiċi	*100*	*60*	*51*	*30*

Il-Messiku	Volum (tunnellati)	1 374	12	896	1 437
	Indiċi	*100*	*1*	*65*	*105*
	Sehem mis-suq (%)	1	0	1	1
	Indiċi	*100*	*1*	*100*	*116*
	Prezz medju	2 530	3 264	3 976	3 435
	Indiċi	*100*	*129*	*157*	*136*
Il-kumplament tad-dinja	Volum (tunnellati)	4 482	2 471	2 616	3 621
	Indiċi	*100*	*55*	*58*	*81*
	Sehem mis-suq (%)	3	2	3	3
	Indiċi	*100*	*70*	*89*	*90*
	Prezz medju	8 253	10 648	5 737	3 979
	Indiċi	*100*	*129*	*70*	*48*
Total ta' pajjiżi terzi għajr l-Indja	Volum (tunnellati)	28 987	24 996	24 366	34 494
	Indiċi	*100*	*86*	*84*	*119*
	Sehem mis-suq (%)	19	21	24	25
	Indiċi	*100*	*110*	*128*	*132*
	Prezz medju	10 027	5 852	2 844	2 814
	Indiċi	*100*	*58*	*28*	*28*

Sors: Eurostat.

(197) L-impatt tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn ġie analizzat minħabba li dawn kienu jirrappreżentaw madwar 84 % tal-importazzjonijiet totali ta' GES lejn l-Unjoni matul il-PIR. Minkejja t-tnaqqis fil-konsum, il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żdied bi 19 % minn kważi 29 000 tunnellata fl-2018 għal madwar 35 000 tunnellata fil-PIR.

(198) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi segwew parzjalment it-tnaqqis fil-konsum fl-2019 u fl-2020 iżda malajr irkupraw u laħqu l-ogħla livell fil-PIR, b'żieda ta' 19 % meta mqabbla mal-2018. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn segwa x-xejra globali, u naqas bi 72 % bejn l-2018 u l-PIR.

(199) Il-maġġoranza l-kbira ta' dawn l-importazzjonijiet fil-PIR, 76 %, kienu importazzjonijiet miċ-Ċina. Il-volumi tal-importazzjoni mill-pajjiżi terzi l-oħrajn minbarra ċ-Ċina u l-Indja żdiedu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni b'22 %. Il-volum tal-importazzjoni ta' GES mill-Indja żdied minn 5 800 tunnellata fl-2018 għal 6 500 tunnellata matul il-PIR, filwaqt li taċ-Ċina żdied minn 22 054 tunnellata fl-2018 għal 26 065 tunnellata matul il-PIR, b'żieda fis-sehem mis-suq ta' 25 % u 31 %, rispettivament.

(200) Matul l-istess perjodu, il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina kienu aktar baxxi mill-prezzijiet kemm tal-esportaturi Indjani kif ukoll mill-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni (ħlief fl-2018).

(201) Barra minn hekk, mis-7 ta' April 2022 ([22]) il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet ta' GES miċ-Ċina soġġetti għal dazju anti-dumping (li jvarja minn 23 % sa 74,9 %) ([23]).

4.4. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(202) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(203) Kif imsemmi fil-premessa (15), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(204) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi tad-*data* li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju dwar l-anti-dumping mill-produtturi inklużi fil-kampjun, kif ukoll tad-*data* makroekonomika provduta mill-produtturi mhux inklużi fil-kampjun u mill-applikanti, kontroverifikata mad-*data* fit-talba għal rieżami. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi abbażi ta' *data*inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu li kienu rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(205) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(206) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabilità, il-fluss ta' flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(207) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 5

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	251 009	219 744	164 413	219 330
Indiċi	*100*	*88*	*66*	*87*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	283 500	294 900	294 900	285 235

([22]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/558 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 108, 7.4.2022, p. 20).

([23]) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament Ċiniż huwa kemxejn differenti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, peress li ma jinkludix il-konnetturi u jinkludi wkoll elettrodi tal-grafita ta' tip użat għall-fran elettriċi, b'densità apparenti ta' 1,5 g/cm³ jew aktar iżda ta' anqas minn 1,65 g/cm³ u b'reżistenza elettrika ta' 6,0 μΩ.m jew anqas, jew b'densità apparenti ta' 1,5 g/cm³ jew aktar u reżistenza elettrika ta' aktar minn 6,0 μΩ.m iżda ta' mhux aktar minn 7,0 μΩ.m, (kodiċijiet TARIC 8545 11 00 10 u 8545 11 00 15).

Indiċi	*100*	*104*	*104*	*101*
Użu tal-kapaċità (%)	89	75	56	77
Indiċi	*100*	*84*	*63*	*87*

Sors: informazzjoni provduta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u mhux inklużi fil-kampjun, informazzjoni provduta mill-applikanti.

(208) Wara t-tnaqqis fil-konsum, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas b'34 % bejn l-2018 u l-2020, u rkupra parzjalment fil-PIR, filwaqt li baqa' taħt il-livell tal-2018. B'mod ġenerali, tul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-produzzjoni naqas b'13 %.

(209) It-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni huwa dovut għat-tnaqqis fil-konsum flimkien mat-telf fil-kwantità tal-bejgħ imġarrab mill-industrija tal-Unjoni, kif spjegat hawn taħt fil-premessa (211).

4.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(210) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 6

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Volum tal-bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	117 824	91 804	73 352	96 245
Indiċi	*100*	*78*	*62*	*82*
Sehem mis-suq (%)	77	76	73	70
Indiċi	*100*	*99*	*95*	*91*

Sors: Informazzjoni provduta mill-applikanti, informazzjoni provduta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u dawk mhux inklużi fil-kampjun.

(211) Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'18 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Dan naqas b'mod stabbli sal-2020 (bi 38 %) u rkupra parzjalment biss matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, din iż-żieda ma kinitx f'konformità max-xejra simili segwita mill-konsum tal-Unjoni li b'mod ġenerali rriżulta f'telf tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni minn 77 % fl-2018 għal 70 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (bi tnaqqis ta' 9 %), filwaqt li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Indja żdied b'25 % matul l-istess perjodu.

(212) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-konsum tal-UE ta' GES naqas b'10 %. Dan it-tnaqqis ta' 15 000 tunnellata fil-konsum affettwa biss lill-industrija tal-Unjoni, li tilfet 21 000 tunnellata ta' bejgħ. Matul l-istess perjodu, il-volum tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Indja, miċ-Ċina u minn pajjiżi terzi oħrajn baqa' jiżdied matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, b'13 %, 18 % u 19 % rispettivament.

4.4.2.3. Tkabbir

(213) Kif spjegat hawn fuq, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tilef 21 000 tunnellata ta' bejgħ filwaqt li l-importazzjonijiet żdiedu b'aktar minn 6 200 tunnellata. Dan irriżulta f'telf ta' 9 % mis-sehem mis-suq għall-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Konsegwentement, ma kienx hemm tkabbir għall-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

4.4.2.4. Impjiegi u produttività

(214) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 7

Impjiegi u produttività

	2018	2019	2020	Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Numru ta' impjegati (FTE)	1 165	1 148	1 102	1 143
Indiċi	*100*	*99*	*95*	*98*
Produttività (unità/impjegat)	215	191	149	192
Indiċi	*100*	*89*	*69*	*89*

Sors: Informazzjoni provduta mill-applikanti, informazzjoni provduta mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u dawk mhux inklużi fil-kampjun.

(215) L-għadd ta' impjegati tal-industrija tal-Unjoni baqa' relattivament stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (naqas b'2 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni). Għalhekk, minħabba t-tnaqqis fil-produzzjoni spjegat fit-taqsima 4.4.2.1, il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala produzzjoni (tunnellati) għal kull impjegat, segwiet l-istess xejra bi tnaqqis ta' 11 % matul l-istess perjodu.

4.4.2.5. Id-daqs tal-marġini tas-sussidju u l-irkupru minn sussidjar li sar fil-passat

(216) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (177) li l-importazzjonijiet Indjani komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet sussidjati matul il-perjodu ta' investigazzjoni ta' rieżami. Il-Kummissjoni sabet ukoll evidenza li s-sussidjar x'aktarx li jkompli f'każ li l-miżuri jiskadu.

(217) Minkejja l-miżuri kumpensatorji fis-seħħ mill-2009, l-industrija tal-Unjoni tilfet volum ta' bejgħ sostanzjali li huwa rifless f'telf tas-sehem mis-suq ta' disa' punti perċentwali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għaldaqstant, ma seta' jiġi stabbilit l-ebda rkupru sħiħ mis-sussidju tal-passat u l-industrija tal-Unjoni tibqa' vulnerabbli ħafna għall-effetti dannużi minn kwalunkwe importazzjoni ssusidjata fis-suq tal-Unjoni.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(218) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Prezz unitarju medju tal-bejgħ fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/tunnellata)	8 483	9 578	5 870	4 682
Indiċi	*100*	*113*	*69*	*55*

Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/tunnellata)	3 696	4 685	4 864	3 556
Indiċi	*100*	*127*	*132*	*96*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(219) Il-prezzijiet tal-bejgħ żdiedu bejn l-2018 u l-2019 bi 13 % qabel ma naqsu b'mod qawwi fl-2020 u fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami għal-livell ta' 45 % anqas milli fl-2018.

(220) Il-kost tal-produzzjoni żdied, laħaq l-ogħla punt tiegħu fl-2020 u beda jonqos matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Din ix-xejra hija dovuta għaż-żieda sostanzjali fil-prezz tal-materja prima ewlenija, jiġifieri l-kokk aċikulari. Il-prezz tal-kokk aċikulari, minħabba ż-żieda fid-domanda xprunata mill-industrija tal-batteriji tal-joni tal-litju, żdied b'mod stabbli u b'mod sinifikanti sal-2019 u beda jonqos biss mill-2020.

(221) Meta wieħed iqis il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni nnotat li parti mill-produzzjoni tal-Unjoni (b'mod partikolari prodotta minn GrafTech Iberica u minn GrafTech France) li tirrappreżenta madwar 50 % tal-bejgħ u tal-produzzjoni totali tal-Unjoni, kienet sa ċertu punt temporarjament protetta minn kompetizzjoni diretta fis-suq, filwaqt li l-parti l-oħra (iż-żewġ produtturi l-oħrajn tal-Unjoni inklużi fil-kampjun) kienet esposta direttament għall-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-Indja.

(222) Din is-sitwazzjoni kienet dovuta għall-eżistenza ta' LTAs li jkopru l-bejgħ ta' GES miksuba minn GrafTech Iberica. Dawn l-LTAs ġew konklużi wara perjodu ta' prezzijiet għoljin aktar mis-soltu fis-snin 2017–2018. Dawn il-kuntratti huma kuntratti ta' xiri "take or pay" b'livell ta' provvisti ggarantiti bi prezzijiet stabbiliti u x-xerrej impenja ruħu li jixtri l-volumi miftiehma bil-prezz fiss stabbilit minn qabel, soġġett għal diversi drittijiet u obbligi kuntrattwali. Id-durata ta' dawn il-kuntratti kienet ta' bejn tlieta u ħames snin. Deher li porzjon kbir ħafna tal-bejgħ miksub minn GrafTech Iberica matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami sar skont dawn l-LTAs. L-investigazzjoni ma żvelatx li xi produttur ieħor tal-Unjoni kien se jkun kopert minn LTAs simili fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fid-dawl tad-durata limitata tal-LTAs, il-Kummissjoni nnotat li l-impatt tal-kuntratti huwa ta' natura temporanja.

(223) L-oriġini ta' dawn l-LTAs tinstab fil-perjodu ta' volatilità għolja tal-prezzijiet tas-snin 2017-2018 li baqgħet għaddejja sal-2019. F'dawn is-snin, il-prezzijiet globali tal-elettrodi tal-grafita żdiedu b'mod sinifikanti. Dan kien dovut għal ħafna fatturi, inkluża żieda fid-domanda globali. Ir-raġuni ewlenija għaż-żieda fid-domanda msemmija mill-industrija tal-Unjoni kienet il-bidla globali fl-industrija tal-azzar, mill-fran tal-blast għall-fran tal-ark elettriku, li jużaw l-elettrodi tal-grafita. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (220), il-kompetizzjoni l-ġdida għall-kokk aċikulari (il-materja prima ewlenija użata fil-produzzjoni tal-elettrodi tal-grafita) mal-industrija tal-batteriji tal-joni tal-litju wasslet għal żieda fil-kost tal-materja prima li kkontribwixxiet għall-volatilità tal-prezzijiet. Biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni tal-volatilità tal-prezzijiet, il-LTAs għall-provvista tal-prodott taħt rieżami li nkiseb mingħand GrafTech Iberica ġew innegozjati b'durata ta' bejn tlieta u ħames snin. Il-prinċipju kien li jinkisbu prezzijiet aktar stabbli bi skambju għal provvista stabbli kif mitlub mill-klijenti.

(224) Għalhekk, bis-saħħa tal-LTAs eżistenti, il-bejgħ ta' GrafTech Iberica seta' żżomm livell stabbli ta' prezz ([25-50] % ogħla mill-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni) matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami minkejja t-tnaqqis ġenerali fil-prezzijiet li minnu l-bqija tal-industrija tal-Unjoni ma kinitx protetta b'LTA. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, bħall-volumi tal-bejgħ tal-prodott taħt rieżami mhux soġġetti għal LTAs u miksubin mingħand b'mod partikolari l-volumi tal-bejgħ ta' GraftTech kif ukoll il-bejgħ taż-żewġ produtturi l-oħrajn tal-Unjoni fil-kampjun, il-Kummissjoni stmat li l-prezz medju fis-suq mhux protett mit-termini tal-LTAs kien madwar [25–50] % anqas mill-prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali. Għaldaqstant, il-prezz medju tal-bejgħ tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ma jirriflettix b'mod akkurat is-sitwazzjoni tal-prezzijiet kompetittivi fis-suq tal-Unjoni, li kien affettwat b'mod sinifikanti minn importazzjonijiet bi prezz baxx u li huma l-oġġett ta' dumping kemm mill-Indja kif ukoll miċ-Ċina.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(225) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 9

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	91 856	87 714	84 993	87 519
Indiċi	*100*	*95*	*93*	*95*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(226) Il-kost lavorattiv medju naqas ftit matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. B'mod ġenerali, il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat naqas b'5 %. Din ix-xejra kienet influwenzata l-aktar mit-tnaqqis limitat fiċ-ċifri tal-impjiegi kif spjegat fil-premessa (215).

4.4.3.3. Inventarji

(227) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 10

Inventarji

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Stokks tal-għeluq (tunnellati)	7 026	9 447	8 172	8 812
Indiċi	*100*	*134*	*116*	*125*
Stokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	3	4	5	4
Indiċi	*100*	*154*	*178*	*144*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(228) L-inventarji ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala indikatur rilevanti ta' ħsara f'dan is-settur peress li l-produzzjoni u l-bejgħ huma bbażati prinċipalment fuq ordnijiet u, għalhekk, il-produtturi għandhom it-tendenza li jżommu stokks limitati. Għalhekk, ix-xejriet fl-inventarji qegħdin jingħataw biss għall-fini ta' informazzjoni.

(229) B'mod ġenerali, l-inventarji kienu influwenzati mix-xejriet ta' tnaqqis tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni. L-istokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni żdiedu b'mod sinifikanti fl-2019 u fl-2020 (b'54 % u 78 % rispettivament) u naqsu parzjalment matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'mod ġenerali, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-istokks tal-għeluq f'tunnellati żdiedu b'25 %.

(230) Madankollu, meta wieħed iħares lejn id-*data* taż-żewġ produtturi tal-Unjoni li ma kkonkludewx LTAs. Matul l-istess perjodu, l-istokks tagħhom żdiedu b'[35–45] %.

4.4.3.4. Profittabilità, fluss ta' flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(231) Il-profittabilità, il-fluss ta' flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 11

Profittabilità, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2018	2019	2020	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ) (%)	75	62	2	31
Indiċi	*100*	*82*	*2*	*42*
Fluss tal-flus (EUR)	659 909 270	475 537 375	120 592 009	210 732 326
Indiċi	*100*	*72*	*18*	*32*
Investimenti (EUR)	23 523 042	28 065 231	21 574 327	29 396 885
Indiċi	*100*	*119*	*92*	*125*
Redditu fuq l-investimenti (%)	722	467	35	154
Indiċi	*100*	*65*	*5*	*21*

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(232) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabilità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ.

(233) Wara l-investigazzjoni għar-rieżami ta' skadenza preċedenti msemmija fil-premessa (1), fejn ġew imposti l-miżuri kumpensatorji, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni tjiebet u l-marġni ta' profitt tagħha, minħabba ż-żieda fil-prezzijiet imsemmija hawn fuq fit-taqsima 4.4.3.1, laħaq il-75 % fl-2018. Madankollu, is-sitwazzjoni marret għall-agħar sussegwentement u l-marġnijiet ta' profitt naqsu mill-2018 u laħqu l-aktar punt baxx fl-2020 (2 %) u rkupraw parzjalment fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (31 %), li jikkorrispondi għal tnaqqis ta' 58 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(234) Il-kawża għal din ix-xejra ta' tnaqqis hija t-tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-Unjoni u fil-volum tal-bejgħ li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni b'vantaġġ għall-importazzjonijiet Indjani oġġett ta' dumping u ssussidjati u importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping li għamlu pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet meta daħlu fl-Unjoni u waqqgħu dawk tal-industrija tal-Unjoni u li l-parti tal-industrija tal-Unjoni mhux protetta mil-LTAs ġiet sforzata tnaqqas il-livelli tal-prezzijiet tagħha, kif spjegat hawn fuq fil-premessa(224).

(235) Kif imsemmi hawn fuq, wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, GrafTech Iberica, biegħ il-maġġoranza tal-volumi tiegħu bis-saħħa tal-LTAs. Għalhekk, il-prodotti nbigħu bi prezzijiet stabbli u matul il-PIR (sal-iskadenza tal-LTAs; parti sinifikanti skadiet sa tmiem l-2021, parti oħra sa tmiem l-2022), dan il-bejgħ kien għadu meqjus parzjalment protett mill-fatturi esterni bħat-tnaqqis ġenerali fil-prezz.

(236) Madankollu, is-sitwazzjoni hija kompletament differenti għaż-żewġ produtturi l-oħrajn tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Bl-esklużjoni ta' GrafTech Iberica l-mikroindikaturi juru stampa differenti, bil-profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni tonqos minn [+ 70–+80] % fl-2018 għal [0–+10] % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(237) Il-fluss tal-flus nett huwa l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiffinanzja hija stess l-attivitajiet tagħha. Minħabba x-xejra ta' tnaqqis fil-profitt tal-industrija tal-Unjoni, il-fluss tal-flus naqas b'68 % matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(238) L-investimenti, grazzi għal fluss ta' flus li għadu pożittiv, żdiedu b'25 % fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, li huwa prinċipalment dovut għall-isforzi li saru mill-industrija tal-Unjoni sabiex tissimplifika l-produzzjoni tagħha u żżid l-effiċjenza u l-produttività sabiex tiffaċċja ż-żieda fl-importazzjonijiet bi prezz baxx. Madankollu, matul l-istess perjodu, ir-redditu fuq l-investimenti, li huwa espress bħala l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti naqas b'79 % u għalhekk segwa l-istess xejra bħall-profittabbiltà.

(239) Stampa simili għal dik spjegata hawn fuq tista' tiġi osservata meta wieħed iħares lejn id-*data* taż-żewġ produtturi tal-Unjoni li ma bigħux taħt LTAs matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Matul l-istess perjodu, ir-redditu fuq l-investiment u l-fluss tal-flus naqas għal [0 + 10]%.

(240) It-tnaqqis fil-profittabbiltà u fir-redditu fuq l-investiment se jagħmluha dejjem aktar diffiċli għall-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun sabiex jiġbru l-kapital għall-investiment futur. Hekk kif ir-redditu fuq l-investimenti naqas daqshekk malajr, il-kapaċità tal-produtturi inklużi fil-kampjun li jiġbru l-kapital fil-futur hija f'periklu akbar.

4.4.4. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(241) L-investigazzjoni wriet li l-miżuri ppermettew lill-industrija tal-Unjoni żżomm, tal-anqas parzjalment, sehem sinifikanti mis-suq matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-indikaturi tad-dannu wrew li s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet diffiċli. Kif spjegat hawn fuq, dawn l-iżviluppi negattivi huma spjegati mit-tnaqqis fil-konsum flimkien mal-konsegwenza tat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping miċ-Ċina u l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u ssussidjati mill-Indja li matul l-istess perjodu kisbu sehem mis-suq għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni li s-sehem mis-suq tagħha naqas. Is-sitwazzjoni kompliet taggrava biż-żieda qawwija tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping miċ-Ċina u mill-Indja. L-industrija tal-Unjoni wieġbet għal dawn l-isfidi billi naqqset il-prezzijiet tagħha u naqqset il-profitt, li, madankollu, baqa' pożittiv matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

(242) B'mod partikolari, il-produzzjoni, il-volumi tal-bejgħ u l-ishma mis-suq naqsu, kif ukoll il-prezzijiet tal-bejgħ li kellhom effett negattiv fuq il-produttività kif ukoll fuq il-profittabbiltà. Iż-żieda fil-pressjoni fuq il-prezzijiet mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping li ġejjin mill-Indja u miċ-Ċina ġieħlet lill-industrija tal-Unjoni tnaqqas il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha b'effetti negattivi fuq il-profittabbiltà tagħha li naqset sostanzjalment matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Fl-aħħar, ir-redditi, li qegħdin jonqsu b'rata mgħaġġla, fuq l-investimenti għandhom impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni li tiġbor il-kapital u l-investimenti.

(243) Min-naħa l-oħra, minkejja x-xejriet ta' tnaqqis, l-industrija tal-Unjoni xorta rnexxielha żżomm volum kbir ta' bejgħ u sehem konsiderevoli mis-suq. Bl-istess mod, minkejja x-xejra negattiva, il-profittabbiltà baqgħet pożittiva matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni kienet soġġetta għal xi xejriet negattivi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni li rriżultaw f'sitwazzjoni vulnerabbli ġenerali fl-2021 iżda ma ġarrbitx dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(244) Wara d-divulgazzjoni, il-GTI sostna li ż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima, wara l-aggressjoni militari mill-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, hija waħda mill-fatturi ewlenin għat-tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.

(245) Din l-affermazzjoni mhix sostnuta b'evidenza. L-aggressjoni militari u s-sitwazzjoni ġeopolitika sottostanti żviluppaw wara l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, minn Frar 2022, u għalhekk ma kellhomx influwenza fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, din l-affermazzjoni tqieset bħala bla bażi.

5. **PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNU**

(246) Fil-premessa (243), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu oriġinarjament ikkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u ssussidjati mill-Indja f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

(247) Sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu oriġinarjament ikkawżat mill-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u ssussidjati mill-Indja, il-Kummissjoni qieset l-elementi li ġejjin: (i) il-volum tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fl-Indja, (ii) il-volumi u l-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Indja lejn swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn, (iii) il-miżuri eżistenti fil-pajjiżi terzi l-oħrajn, (iv) l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, u, (v) il-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indja u l-impatt tagħhom fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

5.1. **Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva**

(248) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fit-talba għal rieżami ta' skadenza ([24]), il-kapaċità totali tal-produzzjoni tal-Indja tal-GES ġiet stmata għal madwar 160 000 tunnellata, il-produzzjoni għal madwar 121 000 tunnellata u l-kapaċità ta' riżerva għal madwar 39 000 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-kapaċità ta' riżerva stmata kienet tirrappreżenta madwar 29 % tal-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(249) Barra minn hekk, l-informazzjoni pprovduta fit-talba ([25]) indikat li produttur Indjan wieħed huwa mistenni jkompli jżid il-kapaċità tiegħu b'20 000 tunnellata addizzjonali sal-bidu tal-2023, u b'hekk tiżdied il-kapaċità ta' riżerva għal 59 000 tunnellata (43 % tal-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami). Għalhekk, il-kapaċità li jiżdiedu b'mod sinifikanti l-kwantitajiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni teżisti, b'mod partikolari għaliex ma hemmx indikazzjonijiet li s-swieq ta' pajjiżi terzi jew is-suq domestiku jistgħu jassorbu xi produzzjoni addizzjonali.

5.2. **Il-volumi u l-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Indja lejn swieq oħrajn ta' pajjiżi terzi**

(250) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni u konsegwentement ta' kwalunkwe sors ieħor aktar affidabbli għall-istabbiliment tal-esportazzjonijiet Indjani ta' GES mill-Indja lejn pajjiżi terzi oħrajn għajr l-Unjoni, l-analiżi kienet ibbażata fuq id-*data* tal-GTA tal-kodiċi HS 8545 11. Dan il-kodiċi HS kopra madwar 82 % tal-esportazzjonijiet Indjani lejn l-Unjoni (meta mqabbel mad-*data* TARIC tal-Eurostat), filwaqt li kważi l-ebda importazzjoni fl-Unjoni mill-Indja ma saret taħt il-kodiċi HS 8545 90. Għalhekk, id-*data* tal-GTA għall-HS 8545 11 tqieset bħala l-aktar sors affidabbli għall-analiżi tas-suq ta' pajjiżi terzi.

(251) Kemm GIL kif ukoll HEG, iż-żewġ produtturi magħrufa tal-GES fl-Indja, kienu nstabu li huma orjentati ħafna lejn l-esportazzjoni, u li esportaw aktar minn 60 % tal-produzzjoni tagħhom fl-2021. It-Turkija, l-Istati Uniti, l-Unjoni u l-Eġittu kienu s-swieq ewlenin tal-esportazzjoni tagħhom. B'mod ġenerali, il-volumi tal-esportazzjoni madwar id-dinja mill-Indja naqsu b'14 % mill-2018 sal-PIR, filwaqt li żdiedu b'16 % għall-aqwa tliet swieq tal-esportazzjoni (it-Turkija, l-Istati Uniti u l-Eġittu).

(252) L-analiżi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-aqwa għaxar pajjiżi tal-esportazzjoni tal-Indja matul il-PIR indikat li l-prezz tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni fil-livell tal-fruntiera tal-Indja FOB (EUR 2 727/tunnellata) kien ogħla mill-Eġittu, mill-Korea t'Isfel, mill-Afrika t'Isfel, mill-Messiku u mill-Emirati Għarab Magħquda, filwaqt li kien aktar baxx mit-Turkija, mill-Istati Uniti, mill-Arabja Sawdija u mill-Indonesja. Madankollu, minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni li qiegħda tiffaċċja l-industrija tal-Indja, kif spjegat hawn taħt fit-taqsima 5.3, u filwaqt li titqies il-kapaċità ta' riżerva kurrenti tal-Indja, tqies li, l-esportaturi Indjani jkollhom inċentiv li jittrasferixxu kwantitajiet sinifikanti ta' esportazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn is-suq tal-Unjoni, li huwa aktar attraenti, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

5.3. **Miżuri eżistenti fil-pajjiżi terzi l-oħrajn**

(253) Wara s-sanzjonijiet tal-Istati Uniti kontra l-Iran f'Awwissu 2018, l-Indja tilfet l-akbar destinazzjoni ta' esportazzjoni tagħha għal GES ([26]). Qabel is-sanzjonijiet, l-Iran kien fost l-ewwel tliet destinazzjonijiet ta' esportazzjoni ta' GES għall-Indja b'volumi ta' esportazzjoni ta' madwar 9 000 tunnellata/sena. Fl-2019, wara s-sanzjonijiet, il-volumi tal-esportazzjoni mill-Indja lejn l-Iran naqsu għal kważi żero tunnellati u baqgħu hekk fis-snin ta' wara.

([24]) Rapport annwali disponibbli għall-pubbliku ta' HEG fl-2021 u Preżentazzjoni Korporattiva ta' GIL tal-2021.

([25]) Ir-Rapport Annwali ta' HEG 2021, p. 2, 11.

([26]) Kumpaniji mhux tal-Istati Uniti ma jistgħux jibqgħu jużaw id-dollaru Amerikan għal tranżazzjonijiet mal-Iran. Barra minn hekk, jekk jiġu ssanzjonati għall-ksur tas-sanzjonijiet tal-Istati Uniti, dan jista' jirriżulta f'li kumpaniji barranin ma jithallewx jifthu kontijiet bankarji ġodda tal-Istati Uniti u jiffaċċjaw restrizzjonijiet fuq self, liċenzji u kreditu Ex-Im.

(254) Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ekonomika Ewrasjatika estendiet il-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' GES mill-Indja sa Settembru 2023 bir-rata ta' 16,04 % għal HEG u ta' 32,83 % għal GIL u manifatturi Indjani oħrajn. Il-Federazzjoni Russa, waħda mill-membri tal-Unjoni Ekonomika Ewrasjatika, kienet konsumatur importanti ta' GES bil-produzzjoni tal-fran tal-azzar b'ark elettriku annwali tagħha li ammontat għal 24 miljun tunnellata fl-2019. L-esportazzjonijiet ta' GES tal-Indja lejn ir-Russja naqsu minn madwar 840 tunnellata fl-2018 għal żero tunnellati fl-2020 u fl-2021. Għalhekk, bil-kapaċità ta' riżerva diġà disponibbli, dan se jirrestrinġi s-swieq tal-esportazzjoni potenzjalment disponibbli għall-produtturi Indjani, u jżid saħansitra aktar l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

5.4. **Attraenza tas-suq tal-Unjoni**

(255) L-attraenza tas-suq tal-Unjoni ntweriet mill-fatt li minkejja d-dazji anti-dumping u kumpensatorji fis-seħħ, il-GES mill-Indja baqa' jidħol fis-suq tal-Unjoni. Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-Indja baqgħet it-tieni l-akbar pajjiż esportatur għall-Unjoni wara ċ-Ċina. Minkejja tnaqqis bejn l-2019 u l-2020 minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-Indja żammet u żiedet l-esportazzjonijiet tagħha lejn l-Unjoni, bejn 5 800 tunnellata fl-2018 sa 6 500 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, u l-ishma mis-suq, bejn 4 % fl-2018 u 5 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan huwa fl-istess firxa tal-volumi tal-esportazzjoni u tal-ishma mis-suq osservati fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami taż-żewġ rieżamijiet ta' skadenza preċedenti. Kif previst fil-premessa (192), il-prezz tal-esportazzjoni Indjan lejn l-Unjoni kien qed iwaqqa' b'mod sinifikanti l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(256) Barra minn hekk, skont id-dikjarazzjonijiet pubbliċi ta' HEG, il-produttur iqis lill-Unjoni suq importanti tal-esportazzjoni biex iżid il-preżenza tagħhom jekk jitneħħew il-miżuri anti-dumping/ta' sussidju ([27]).

5.5. **Il-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indja u l-impatt tagħhom fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, jekk il-miżuri jiskadu.**

(257) Sabiex tivvaluta l-impatt tal-importazzjonijiet futuri fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni qieset li l-livelli tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet Indjani mingħajr dazji anti-dumping ikunu indikatur raġonevoli tal-livelli futuri tal-prezzijiet għas-suq tal-Unjoni. Fuq din il-bażi, il-marġni medju tat-twaqqigħ tal-prezz għall-prodott taħt rieżami nstab li kien, mingħajr dazji anti-dumping u kumpensatorji, 41,1 %, għalhekk jitqies bħala l-aħjar indikatur tal-livelli tal-prezzijiet probabbli fin-nuqqas ta' miżuri antisussidji.

(258) Minħabba l-użu intensiv u s-sostituzzjoni rapida tiegħu, l-utenti tal-prodott taħt rieżami għandhom it-tendenza jżommu ħażniet sostanzjali bħala komoditajiet. Għalhekk, il-prodott taħt rieżami huwa sensittiv għall-prezzijiet. Żieda fl-importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi ġġiegħel lill-industrija tal-Unjoni tkompli tnaqqas il-prezzijiet tagħhom hekk kif diġà sar sabiex tikkompeti mal-importazzjonijiet mill-Indja u miċ-Ċina, kif spjegat hawn fuq fit-taqsima 4.4.3.1.

(259) Barra minn hekk, minn April 2022 l-importazzjonijiet ta' ċerti GES miċ-Ċina huma soġġetti għad-dazju anti-dumping imsemmi fil-premessa (199). Il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott ikkonċernat minn dawn id-dazji jkopri, fil-biċċa l-kbira, il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott ikkonċernat minn din l-investigazzjoni, jiġifieri l-kodiċijiet TARIC 8545 11 00 10. Għalhekk huwa mistenni li s-sehem mis-suq Ċiniż se jonqos (minn 20 %, fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami). Dan se jkompli jżid l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping/sussidjati mill-Indja. Biż-żieda kurrenti jew saħansitra probabbli fil-kapaċità ta' riżerva msemmija hawn fuq fil-premessa (249), u mingħajr il-kompetizzjoni tal-produtturi esportaturi Ċiniżi, hemm probabbiltà kbira li l-produtturi esportaturi Indjani jżidu b'mod sinifikanti l-importazzjonijiet tagħhom tal-prodott taħt rieżami lejn is-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(260) Barra minn hekk, kif spjegat hawn fuq fil-premessi (221) sa (224), is-sitwazzjoni globali tal-industrija tal-Unjoni hija affettwata ħafna mis-sitwazzjoni partikolari imma temporanja ta' GrafTech Iberica. L-LTAs waslu fi tmiem (fil-biċċa l-kbira l-LTAs fis-seħħ diġà skadew fl-2022). Xi whud mil-LTAs eżistenti miksuba mingħand GrafTech Iberica ġew estiżi għal sena jew sentejn wara l-2022. Madankollu, l-LTAs estiżi koprew biss parti żgħira mill-bejgħ totali miksub mingħand GrafTech Iberica. Anke jekk jiġu inklużi l-LTAs estiżi, il-maġġoranza l-kbira tal-volum tal-bejgħ miksuba

([27]) Traskrizzjoni ta' Konferenza Telefonika tal-2021 ta' HEG, disponibbli pubblikament, ipprovduta mill-applikanti. https://hegltd.com/wp-content/uploads/2021/06/ConferenceCallTranscript08062021.pdf;

mingħand GrafTech Iberica, fi tmiem l-2023 mhux se tibqa' koperta mil-LTAs attwali. Dan il-proporzjon se jkompli jiżdied fi tmiem l-2024. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li l-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-prodotti miksuba mingħand GrafTech Iberica matul il-PIR naqsu meta mqabbla mal-2020 (anke jekk ikun inkluż il-bejgħ taħt l-LTAs), li indika li GrafTech Iberica kienet affettwata mill-importazzjonijiet tal-elettrodi tal-grafita mill-Indja u miċ-Ċina bi prezzijiet baxxi. Għalhekk, sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-2023, GrafTech Iberica se tkun fl-istess sitwazzjoni bħall-produtturi l-oħrajn u se tkun esposta bis-sħiħ għall-impatt ta' żieda fil-volumi ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u ssussidjati mill-Indja. Dan ifisser li s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni tkompli tiddeterjora jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(261) B'telf ta' profittabbiltà, l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' twettaq l-investimenti meħtieġa. Fl-aħħar mill-aħħar, dan iwassal ukoll għal telf ta' impjiegi u riskju ta' għeluq ta' linji tal-produzzjoni.

(262) Wara d-divulgazzjoni, il-GTI argumenta li ma hemm l-ebda probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu f'dan il-każ, primarjament minħabba li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Indja lejn l-Unjoni huwa biss ta' 5 % u li kwalunkwe dannu lill-industrija tal-Unjoni huwa minħabba l-importazzjonijiet miċ-Ċina u mhux l-importazzjonijiet mill-Indja. Barra minn hekk, il-GTI argumenta li l-prezzijiet baxxi tal-importazzjoni mill-Indja huma reazzjoni għall-importazzjonijiet bi prezz baxx miċ-Ċina.

(263) Meta stabbiliet jekk hemmx probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu oriġinarjament ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja, kif spjegat fil-premessa (247), il-Kummissjoni qieset diversi elementi bħall-volum tal-produzzjoni u l-kapaċità żejda fl-Indja, il-volumi u l-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Indja lejn is-swieq ta' pajjiżi terzi oħra, il-miżuri eżistenti fil-pajjiżi terzi l-oħra, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, u l-livelli probabbli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-Indja u l-impatt tagħhom fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Fil-kummenti tiegħu, il-GTI ma kkontesta l-analiżi jew il-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar l-ebda minn dawn l-elementi għajr dak indirizzat fil-premessa (127). Għall-kuntrarju ta' dak li ssuġġerixxa l-GTI fil-kummenti tiegħu, il-Kummissjoni ma bbażatx is-sejba tagħha fir-rigward tal-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu fuq is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet tal-GES mill-Indja lejn l-Unjoni osservati matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(264) L-affermazzjoni kienet għalhekk miċħuda.

(265) Barra minn hekk, il-GTI ddikjara li s-suq tal-Unjoni mhuwiex suq attraenti fil-prezz għall-produtturi esportaturi Indjani peress li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu lejn l-Unjoni huma aktar baxxi mill-prezz tal-esportazzjoni tal-GES lejn pajjiżi terzi oħra.

(266) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet, fil-premessa (252) ta' hawn fuq, li l-prezzijiet tal-esportazzjoni Indjani lejn xi pajjiżi terzi huma ogħla mill-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni. Madankollu, il-prezzijiet lejn xi swieq oħra tal-esportazzjoni, li huma importanti għall-produtturi esportaturi Indjani, huma aktar baxxi mill-prezzijiet lejn l-Unjoni. Barra minn hekk, kif spjegat fit-taqsima 4.3.1 hawn fuq, l-esportazzjonijiet Indjani kisbu sehem mis-suq fl-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li din l-affermazzjoni ma kinitx fondata.

5.6. **Konklużjoni**

(267) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskadenza tal-miżuri wisq probabbli se tirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u ssussidjati mill-Indja bi prezzijiet li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, u b'hekk tkompli taggrava s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni. Huwa probabbli ħafna li dan iwassal għal rikorrenza ta' dannu materjali u b'konsegwenza ta' dan, il-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni tkun f'riskju serju.

6. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(268) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi, tad-distributuri u tal-utenti.

(269) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

6.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(270) L-industrija tal-Unjoni hija magħmula minn ħames gruppi li jipproduċu l-elettrodi tal-grafita fl-Unjoni. Il-gruppi kollha kkooperaw bis-sħiħ fl-investigazzjoni. Kif imsemmi fil-premessa (15), il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' produtturi tal-Unjoni. Il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni li provdew tweġiba għall-kwestjonarju. Il-kampjun tqies li kien rappreżentattiv għall-industrija tal-Unjoni.

(271) Kif huwa stabbilit hawn fuq, l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx ħsara materjali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni iżda tinsab f'sitwazzjoni fraġli, kif huwa konfermat mix-xejriet negattivi tal-indikaturi tad-dannu. It-tneħħija tad-dazji anti-dumping twassal għal rikorrenza probabbli ta' ħsara materjali li tiġi kkonkretizzata f'telf fil-volum tal-bejgħ u tal-produzzjoni, kif ukoll f'sehem mis-suq li jwassal għal telf fil-profittabbiltà u fl-impjiegi.

(272) Min-naħa l-oħra, l-industrija tal-Unjoni wriet li hija industrija vijabbli. Wara l-aħħar rieżami ta' skadenza, hija rnexxielha ttejjeb is-sitwazzjoni tagħha fil-kundizzjonijiet ġusti fis-suq tal-Unjoni, tinvesti u topera bi profitt ogħla mill-profitt fil-mira stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali. Il-kontinwazzjoni tal-miżuri tipprevjeni l-importazzjonijiet bi prezz baxx mill-Indja milli jimlew is-suq tal-Unjoni, u għalhekk tippermetti lill-industrija tal-Unjoni żżomm prezzijiet sostenibbli u livelli ta' profittabbiltà meħtieġa għal investimenti futuri.

(273) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni b'hekk ikkonkludiet li ż-żamma tal-miżuri kumpensatorji hija fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

(274) Wara d-divulgazzjoni finali, il-GTI kkummenta li peress li d-dazji antisussidji diġà kienu fis-seħħ għal kważi 20 snin, il-kontinwazzjoni ulterjuri tad-dazji twassal għal protezzjoni żejda u toħnoq il-kompetizzjoni fis-suq tal-UE. Ma kienx hemm ġustifikazzjoni għall-kontinwazzjoni tad-dazji għal aktar minn 20 snin.

(275) Il-Kummissjoni sabet evidenza li s-sussidjar tal-esportazzjonijiet Indjani kompla fil-PIR. Għalhekk, anki jekk il-miżuri ilhom fis-seħħ għal żmien twil, l-estensjoni tad-dazji hija konformi mar-regola għall-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet sussidjati. Lanqas ma hemm riskju ta' influwenza negattiva fuq il-kompetizzjoni fis-suq tal-UE peress li d-dazji jikkontrobilanċjaw biss is-sussidjar u jirrestawraw kompetizzjoni internazzjonali ġusta.

6.2. **L-interess ta' importaturi, negozjanti u utenti mhux relatati**

(276) Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-importaturi, lin-negozjanti u lill-utenti mhux relatati magħrufa kollha. L-ebda parti interessata ma ppreżentat ruħha.

(277) Minħabba li l-ebda importatur, negozjant jew utent ma kkoopera, ma kien hemm l-ebda informazzjoni disponibbli dwar l-impatt tad-dazji fuq dawn il-partijiet. Madankollu, l-investigazzjoni oriġinali żvelat li kwalunkwe impatt fuq partijiet interessati oħrajn ma kienx tali li l-miżuri kellhom jitqiesu li huma kontra l-interess tal-Unjoni u bl-istess mod, l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza preċedenti stabbiliet li ż-żamma tal-miżuri ma jkollhiex impatt negattiv sinifikanti fuq is-sitwazzjoni ta' dawn il-partijiet.

(278) Fuq il-bażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żamma tal-miżuri kumpensatorji fis-seħħ ma jkollhiex impatt negattiv sinifikanti fuq l-importaturi, in-negozjanti jew l-utenti.

(279) Wara d-divulgazzjoni, il-GTI sostna li ż-żamma tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ mhijiex fl-interess tal-Unjoni. Il-GTI argumenta li l-fatt li l-bejgħ miksub mingħand GrafTech Iberica sar skont LTA wassal għal prezz tal-bejgħ artifiċjalment għoli u mhux kompetittiv li mhuwiex indikattiv tal-prezz tas-suq tal-GES fl-Unjoni. Il-konsegwenzi ta' dan il-bejgħ bi prezz artifiċjalment għoli jiġu ffaċċjati mill-utenti downstream fl-Unjoni.

(280) Kif spjegat hawn fuq fil-premessa (194), l-LTAs huma prattika kummerċjali li mhux rari tintuża fil-prassi kummerċjali fejn iż-żewġ partijiet jaqblu dwar it-termini peress li jassumu li se jkunu ta' benefiċċju. Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni l-LTAs u l-prezzijiet li jirriżultaw ma jistgħux jitqiesu bħala antikompetittivi. Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (235) sa tmiem l-2023, il-maġġoranza tal-LTAs iffirmati minn GrafTech Iberica se jintemmu u GrafTech Iberica se tkun fl-istess sitwazzjoni bħall-produtturi l-oħra u se tkun esposta bis-sħiħ għall-impatt tal-volumi dejjem akbar ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Indja.

(281) Għaldaqstant, din l-affermazzjoni ma ntlaqgħetx.

(282) Barra minn hekk, il-GTI argumenta li l-kontinwazzjoni tad-dazji ma tkunx fl-interess tal-Unjoni peress li l-impatt ta' dawn id-dazji se jingħadda fuq il-klijenti.

(283) Dan l-argument tqies bħala bla bażi. L-interess tal-utenti ġie vvalutat, mill-Kummissjoni, fil-premessi (276) sa (278) u ġie konkluż li ż-żamma tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ ma jkollha l-ebda effett negattiv sinifikanti fuq l-utenti.

6.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(284) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti tal-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mill-Indja.

7. **MIŻURI ANTISUSSIDJI**

(285) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni tas-sussidjar mill-Indja, il-possibbiltà tar-rikorrenza tad-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet issussidjati mill-Indja, u l-interess tal-Unjoni, il-Kummissjoni ssib li jenħtieġ li jinżammu l-miżuri kumpensatorji fuq importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja.

(286) Ir-rati tad-dazju kumpensatorju tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mill-Indja u li jiġi mmanifatturat mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami mmanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha". Dawn jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal xi rati individwali ta' dazju kumpensatorju.

(287) Kumpanija tista' titlob li jiġu applikati dawn ir-rati tad-dazju kumpensatorju individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([28]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, se jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(288) Il-partijiet interessati kollha ġew informati bil-fatti u bil-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li jinżammu l-miżuri eżistenti. Ingħataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara dan l-iżvelar.

(289) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([29]), meta ammont għandu jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ir-rata tal-imgħax li trid titħallas jenħtieġ li tkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(290) Il-miżuri previsti f'dan ir-regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

([28]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussels, Belgium.

([29]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju kumpensatorju definittiv għalhekk huwa impost fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tal-grafita tat-tip użat għal fran tal-elettriku, b'densità apparenti ta' 1,65 g/cm3 jew aktar u b'reżistenza elettrika ta' 6,0 μ.Ω.m jew anqas, u konnetturi użati għal dawn l-elettrodi, kemm jekk importati flimkien kif ukoll jekk b'mod separat, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8545 11 00 u ex 8545 90 90 (kodiċijiet TARIC 8545 11 00 10 u 8545 90 90 10) u li joriġinaw mill-Indja.

2. Ir-rati tad-dazju kumpensatorju definittiv applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġej:

Kumpanija	Dazju kumpensatorju (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Graphite India Limited (GIL), 31 Chowringhee Road, Kolkatta — 700016, West Bengal	6,3	A530
HEG Limited, Bhilwara Towers, A-12, Sector-1, Noida — 201301, Uttar Pradesh	7,0	A531
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	7,2	A999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz il-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN